



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla)

27 ta' ġunju 2012\*

“Kompetizzjoni — Akkordji — Swieg taż-żippijiet u ta’ ‘tipi oħra ta’ qafliet’ — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Żiediet fil-prezzijiet miftiehma, iffissar tal-prezzijiet minimi, tqassim tal-klijentela u tas-swieq u skambju ta’ informazzjoni kummerċjali oħra — Prova — Ksur uniku u kontinwat — Preskrizzjoni — Drittijiet tad-difiża — Multi — Linji gwida”

Fil-Kawża T-439/07,

**Coats Holdings Ltd**, stabbilita f'Uxbridge, Middlesex (ir-Renju Unit), irrapreżentata minn W. Sibree, C. Jeffs, K. O'Connell, J. Boyce, solicitors, u D. Anderson, QC,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrapreżentata minn F. Castillo de la Torre u K. Mojzesowicz, bħala aġenti, konvenuta,

li għandha bħala suġġett, principally, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 4257 finali, tad-19 ta' Settembru 2007, dwar proċediment taħt l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/39.168 — PO/Prodotti tal-ħjata ibsin: Żippijiet), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti u, sussidjarjament, talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti,

IL-QORTI ĜENERALI (It-Tielet Awla),

komposta minn O. Czucz, President, I. Labucka (Relatur) u D. Gratsias, Imħallfin,

Reġistratur: N. Rosner, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Lulju 2011,

tagħti l-preżenti

### Sentenza

#### Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 1 Ir-rikorrenti, Coats Holdings Ltd (iktar 'il quddiem “Coats”), hija waħda mill-manifatturi u forniture ta' ħajt industrijali għall-ħjata u għar-rakkmu u t-tieni fornitur dinji ta' ż-żippijiet wara l-grupp YKK. Hijha tipprodu firxa kompluta ta' żippijiet magħmula mill-polieder ħafif, min-nylon, metalliċi u fformati. Fl-1988, hija xrat il-kumpannija Opti u użat, minn dan ix-xiri, isem il-kumpannija msemmija bħala trade mark għaż-żippijiet. B'hekk, wara l-1988, l-attività “żippijiet” ta' Coats bdiet tissemma' bħala Coats Opti.

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

- 2 Is-settur tal-manifattura ta' artikoli ta' qafliet jista' jinqasam f'żewġ kategoriji kbar, jígifieri ż-żippijiet u t-“tipi oħra ta’ qafliet”, li jinkludu diversi tipi ta’ buttuni li jingħafsu, ħoloq li jingħafsu u qafliet li jingħafsu, iżda wkoll qafliet bil-molla, klipps, anelli, buttuni għall-jeans, rivits u aċċessorji tal-metall u tal-plastik intiżi għas-setturi tal-ġild u tal-ilbies.
- 3 Fis-7 u t-8 ta’ Novembru 2001, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej wettqet verifikasi abbażi tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta’ Frar 1962, l-Ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81] KE u [82] KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3), fl-uffiċċi ta’ diversi proddutti Komunitarji ta’ artikoli tal-ħjata metalliċi u tal-plastik, ta’ artikoli oħra tal-ħjata u tal-ħajt (fosthom Entaco Ltd, Coats plc u William Prym GmbH & Co. KG), kif ukoll sussegwentement tal-Fachverband Verbindungs- und Befestigungstechnik (iktar ’il quddiem il-“VBT”).
- 4 Fis-26 ta’ Novembru 2001, il-gruppi Prym u Coats, wara li invokaw l-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta’ impożizzjoni jew it-tnaqqis ta’ multi f’każijiet ta’ kartell (ĠU C 207, p. 4, iktar ’il quddiem il-“Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-1996”), ippreżentaw talbiet intiżi sabiex dan jiġi applikat fir-rigward tas-settur taż-żippijiet.
- 5 B’ittra tal-22 ta’ Frar 2002, Coats approvdiet ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni.
- 6 Fit-8 ta’ Awwissu 2003, Stocko (li saret YKK Stocko Fasteners), wara li invokat l-Avviż tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta’ impożizzjoni jew it-tnaqqis ta’ multi f’każijiet ta’ kartell (ĠU C 45, p. 3, iktar ’il quddiem il-“Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002”), ippreżentat talba fir-rigward tat-“tipi oħra ta’ qafliet”.
- 7 Sussegwentement, il-Kummissjoni bagħtet diversi talbiet għal informazzjoni lil ċertu numru ta’ partijiet ikkonċernati abbażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17.
- 8 Fis-16 ta’ Settembru 2004, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (iktar ’il quddiem id-“dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet”) fir-rigward tat-“tipi oħra ta’ qafliet”, tal-magni li jwaħħlu u ż-żippijiet lill-kumpanniji Prym Fashion, William Prym, Éclair Prym, Fiocchi Prym, Fiocchi Snaps France, YKK Stocko Fasteners, YKK Holding Europe, YKK Corp., Coats, A. Raymond, Berning & Söhne, Berning France, Scovill Fasteners Europe (preċedentement Unifast), Scovill Fasteners kif ukoll lil VBT.
- 9 Dawn l-impriżi kif ukoll l-assoċjazzjonijiet inkwistjoni kellhom aċċess għall-fajl ta’ investigazzjoni tal-Kummissjoni fil-forma ta’ kopja fuq CD-ROM, li ntabgħet lilhom fl-1 ta’ Ottubru 2004.
- 10 Fit-12 ta’ Novembru 2004, il-grupp Prym, wara li invoka l-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002, ressaq talba għall-immunità jew, sussidjarjament, għal tnaqqis tal-ammont tal-multi fir-rigward tat-“tipi oħra ta’ qafliet”.
- 11 B’faks tat-18 ta’ Novembru 2004, il-grupp Prym iffinalizza t-talba tiegħi. B’messaġġi elettroniċi, rispettivament, tat-3, tal-4 u tal-11 ta’ Jannar 2005, dan baġħat informazzjoni kumplimentari lill-Kummissjoni. B’messaġġi elettroniku tas-27 ta’ Jannar 2005, dan ressaq talba intiżza sabiex jibbenfika mill-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002.
- 12 Fit-18 ta’ Frar 2005, il-grupp YKK, wara li invoka l-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002, ressaq talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multi fir-rigward tat-“tipi oħra ta’ qafliet”.
- 13 Fil-25 ta’ Frar 2005, il-grupp YKK iffinalizza din it-talba.
- 14 Il-provi mressqa insostenn tat-talbiet intiżi għall-benefiċċju tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002 mill-gruppi Prym u YKK ippermettew lill-Kummissjoni li tibgħat lill-kumpanniji kkonċernati, fis-7 ta’ Marzu 2006, dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari (iktar ’il quddiem id-“dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari”).

- 15 Id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari, fir-rigward tat-“tipi oħra ta’ qafliet”, tal-magni li jwaħħlu u taż-żippijiet, intbagħtet lill-kumpanniji A. Raymond, Berning & Söhne u Berning France, Coats u Coats Deutschland, Éclair Prym, Prym Fashion, Fiocchi Prym, Scovill Fasteners Europe, Scovill Fasteners, William Prym, YKK Corp., YKK Holding Europe u YKK Stocko Fasteners kif ukoll lil VBT. Is-CD-ROM li jikkontjeni l-fajl tal-Kummissjoni ntbagħat lill-partijiet fit-13 ta’ Marzu 2006.
- 16 Id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari kienet tirrigwarda l-istess prodotti bħal dawk tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u, fejn kien hemm bżonn, kienet tikkoreġi, tippreċiża, tqassar u testendi l-oġġezzjonijiet li kienu fformulati fiha. Fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari, il-Kummissjoni ma semmietx b'mod sistematiku l-ksur kollu ddefinit fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, partikolarmen jekk ma kien seħħ ebda tibdil fir-rigward ta’ dan il-ksur wara t-talbiet intiżi għall-benefiċċju tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002.
- 17 Saret seduta fil-11 ta’ Lulju 2006.
- 18 Wara li kkonsultat mal-Kumitat konsultattiv dwar l-akkordji u l-pożizzjonijiet dominanti, u fid-dawl tar-rapport finali tal-Uffiċjal tas-Smigħ, il-Kummissjoni adottat, fid-19 ta’ Settembru 2007, id-Deċiżjoni C (2007) 4257 finali, dwar proċediment taħt l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/39.168 — PO/Prodotti tal-ħjata ibsin: Żippijiet) (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), li sommarju tagħha ġie ppubblifik f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tas-26 ta’ Frar 2009 (ĠU C 47, p. 8).
- 19 Skont l-Artikolu 1(3) tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni bejn, l-ewwel nett YKK Holding kif ukoll YKK Europe Ltd, it-tieni nett, Coats Holdings kif ukoll Coats Deutschland u, it-tielet nett, Prym Fashion kif ukoll Éclair Prym Group fis-suq taż-żippijiet (iktar ’il quddiem il-“kooperazzjoni trilateral bejn il-gruppi YKK, Coats u Prym”), b'mod partikolari l-impriżi segamenti tqiesu bħala li kisru l-Artikolu 81 KE, matul il-perijodi indikati, billi skambjaw informazzjoni dwar il-prezzijiet, billi ftieħmu fuq il-prezzijiet u ż-żiediet fil-prezzijiet, u billi ftieħmu fuq metodu ta’ ffissar tal-prezzijiet minimi tal-prodotti standard fis-suq Ewropew:
- Coats Holdings, mit-28 ta’ April 1998 sat-12 ta’ Novembru 1999;
  - Coats Deutschland, mit-28 ta’ April 1998 sat-12 ta’ Novembru 1999.
- 20 Skont l-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata, f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni bilaterali bejn Coats Holdings u William Prym/Prym Fashion fis-suq tat-“tipi oħra ta’ qafliet” u taż-żippijiet (iktar ’il quddiem il-“kooperazzjoni bilateral bejn il-gruppi Coats u Prym”), l-impriżza segamenti tqieset bħala li kisret l-Artikolu 81 KE, matul il-perijodi indikati, billi fteħmet li taqsam ma’ impriżi oħra, is-suq tal-artikoli tal-ħjata billi ċċaħħad lill-grupp Coats milli jidħol fis-suq Ewropew tat-“tipi oħra ta’ qafliet”:
- Coats Holdings, mill-15 ta’ Jannar 1977 sal-15 ta’ Lulju 1998.
- 21 Abbażi tal-konstatazzjonijiet fattwali u tal-evalwazzjonijiet ġuridiċi mwettqa fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni imponiet fuq l-impriżi kkonċernati multi li l-ammont tagħhom ġie kkalkolat b'applikazzjoni tal-metodoloġija esposta fil-linji gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat [KEFA] (ĠU 1998, C 9, p. 3, iktar ’il quddiem il-“linji gwida”), kif ukoll fil-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002.
- 22 It-tieni inċiż tal-Artikolu 2(3) tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari jipprovdi għall-impożizzjoni tal-multa segamenti għall-kooperazzjoni trilateral bejn il-gruppi YKK, Coats u Prym: Coats Holdings u Coats Deutschland, responsabbi *in solidum*: EUR 12 155 000.
- 23 It-tieni inċiż tal-Artikolu 2(4) tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari jipprovdi għall-impożizzjoni tal-multa segamenti għall-kooperazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Coats u Prym: Coats Holdings: EUR 110 250 000.

- 24 L-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata jordna lill-impriżi elenkti fl-Artikolu 1 li immedjatament itemmu l-ksur deskrift f'dan l-istess artikolu, jekk huma ma għamlux dan diġà, u li ma jirrepetu l-ebda att jew aġiż deskrift fl-Artikolu 1 kif ukoll kull miżura li jkollha għan jew effett ekwivalenti.
- 25 B'deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2070 finali, tal-31 ta' Marzu 2011, din iddeċidiet, wara li wettqet evalwazzjoni tal-impatt tal-multi fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ta' waħda mill-kumpanniji kkonċernati, minbarra r-rikorrenti, u wara li eżaminat in-nuqqas ta' kapaċità li tħallas allegat minnha, li tnaqqas parzjalment l-ammont inizjali tal-multa li kienet ġiet imposta fuqha.

### **Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

- 26 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġeneral fl-4 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.
- 27 Peress li l-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti Ġeneral nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lit-Tielet Awla, li lilha għaldaqstant ġiet assenjata din il-kawża.
- 28 Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottati fis-7 ta' Frar 2011, il-Qorti Ġeneral stiednet lill-Kummissjoni sabiex tipprodu ċerti dokumenti. Il-Kummissjoni ssodisfat din it-talba fit-terminu mogħti lilha.
- 29 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġeneral (It-Tielet Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.
- 30 B'ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġeneral fl-20 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti għamlet ċerti osservazzjonijiet fuq ir-rapport tas-seduta li kien ġie kkomunikat lilha fl-14 ta' April 2011, fir-rigward tal-importanza tal-ġurisprudenza li tirrigwarda l-oneru u l-livell tal-prova.
- 31 It-trattazzjonijiet tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta tas-7 ta' Lulju 2011.
- 32 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- prinċipalment, tannulla l-Artikolu 1(4) u l-Artikolu 2(4) tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn dawn jikkonċernaw lilha;
  - sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas il-multa li ġiet imposta fuqha skont l-Artikolu 2(4) tad-deċiżjoni kkontestata;
  - tordna lill-Kummissjoni tbatil l-ispejjeż.
- 33 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tiċħad ir-rikors kollu kemm hu;
  - tikkundanna lir-rikorrenti tbatil l-ispejjeż.

### **Id-dritt**

- 34 Insostenn tar-rikors tagħha, li jirrigwarda biss il-kooperazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Coats u Prym, ir-rikorrenti tinvoka ġumes motivi bbażati:
- l-ewwel, fuq il-ksur tal-obbligu tal-Kummissjoni, min-naħħa waħda, li tressaq il-prova tal-ksur u, min-naħħa l-oħra, li tosseva l-livell ta' prova meħtieġ f'dan ir-rigward;

- it-tieni, fuq il-ksur tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003 ;
- it-tielet, fuq in-nuqqas ta' prova ta' ksur uniku u kontinwat;
- ir-raba', fuq il-ksur tal-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-“KEDB”);
- u, il-ħames, fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-linji gwida.

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu tal-Kummissjoni, min-naħħa waħda, li tressaq il-prova tal-ksur u, min-naħħa l-oħra, li tosserva l-livell ta' prova meħtieġ f'dan ir-rigward*

#### L-argumenti tal-partijiet

- 35 Ir-rikorrenti tikkunsidra, essenzjalment, li l-evalwazzjoni tal-provi kollha mwettqa mill-Kummissjoni hija vvizzjata minn żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, b'tali mod li l-Kummissjoni ma wettqitx l-obbligu tagħha li tipprova li l-grupp Coats kien parti għal ftehim bilaterali ta' tqassim tas-suq mal-grupp Prym li dam minn Jannar 1977 sa' Lulju 1998. Il-Kummissjoni ma osservatx il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Settembru 2007, Coats Holdings u Coats vs Il-Kummissjoni (T-36/05, li ma għietx ippubblikata fil-Ġabra, iktar 'il quddiem is-“sentenza Coats”, punt 71), fir-rigward tal-oneru tal-prova, jiġifieri li l-Kummissjoni kienet marbuta li tressaq provi insostenn tal-“konvīnzjoni soda” tagħha li kien jeżisti ksur u li kellha tagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-konvenuta.
- 36 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

#### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 37 Peress li l-partijiet ma jaqblux fuq il-kwistjoni tat-tqassim, bejniethom, tal-oneru tal-prova u, b'mod iktar ġenerali, fuq il-kwistjoni tal-osservanza jew le tar-regoli applikabbi għall-istabbiliment tal-prova ta' ksur tal-Artikolu 81 KE u tal-prova tal-parcipazzjoni tar-rikorrenti f'tali ksur, għandu, preliminarjament, jiġi mfakkar id-dritt applikabbi f'dan ir-rigward.
- 38 Mill-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 [KE] u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 8, Vol. 2, p. 205), kif ukoll minn ġurisprudenza stabbilita, mogħtija fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, jirriżulta li fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, fil-każ ta' kontroversja fuq l-eżistenza ta' ksur, hija l-Kummissjoni li għandha tressaq il-prova tal-ksur ikkonstatat minnha u li għandha tistabbilixxi l-provi adatti li juru, b'mod suffiċċenti fil-liġi, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 58, u tas-6 ta' Jannar 2004, BAI u Il-Kummissjoni vs Bayer, C-2/01 P u C-3/01 P, Ġabra p. I-23, punt 62; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Settembru 2007, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04, Ġabra p. II-3601, punt 688). Għal dan il-ġhan, hija għandha tipproduċi provi suffiċċientement preċiżi u konsistenti sabiex tistabbilixxi li l-ksur allegat seħħi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 1984, CRAM u Rheinzink vs Il-Kummissjoni, 29/83 u 30/83, Ġabra p. 1679, punt 20, u tal-31 ta' Marzu 1993, Ahlström Osakeytiö et vs Il-Kummissjoni, C-89/85, C-104/85, C-114/85, C-116/85, C-117/85 u C-125/85 sa C-129/85, Ġabra p. I-1307, punt 127; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 1999, Riviera Auto Service et vs Il-Kummissjoni, T-185/96, T-189/96 u T-190/96, Ġabra p. II-93, punt 47).

- 39 Peress li l-Kummissjoni tibbażha ruħha fuq provi dokumentarji, fil-kuntest tal-istabbiliment ta' ksur tal-Artikoli 81 KE u 82 KE, l-impriżi kkonċernati mhux biss għandhom semplicejment jippreżentaw alternattiva plawżibbli għat-teżi tal-Kummissjoni, iżda għandhom jinvokaw l-insuffiċjenza tal-provi użati fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza tal-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR *et vs* Il-Kummissjoni, imsejħa "Ciment", T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, ġabru p. II-491, punti 725 sa 728, u tat-8 ta' Lulju 2004, JFE Engineering *et vs* Il-Kummissjoni, T-67/00, T-68/00, T-71/00 u T-78/00, ġabru p. II-2501, punt 187). Għandu jitqies li, f'każ bħal dak f'din il-kawża, meta l-Kummissjoni tibbażha ruħha fuq provi diretti, huma l-impriżi kkonċernati li għandhom juru li l-provi invokati mill-Kummissjoni huma insuffiċjenți. Digħi għie deċiż li tali inverżjoni tal-oneru tal-prova ma tiksirx il-preżuunzjoni tal-innoċenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 1999, Montecatini *vs* Il-Kummissjoni, C-235/92 P, ġabru p. I-4539, punt 181).
- 40 Madankollu, ma huwiex obbligatorju li l-provi kollha prodotti mill-Kummissjoni jkunu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti f'dak li jirrigwarda kull element tal-ksur. Huwa biżżejjed li l-medda ta' indizzi invokati mill-istituzzjoni, evalwata globalment, tissodisa dan ir-rekwiżit (ara s-sentenza JFE Engineering *et vs* Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punt 80, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 41 Fil-fatt, l-indizzi invokati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni sabiex tipprova l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 81(1) KE minn naħħa ta' impriża ma għandhomx jiġu evalwati b'mod iż-żol, iżda flimkien (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2008, BPB *vs* Il-Kummissjoni, T-53/03, ġabru p. II-1333, punt 185, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 42 Għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-attivitàajiet antikompetittivi jseħħu bil-moħbi u, għaldaqstant, fil-parti l-kbira tal-każijiet, l-eżistenza ta' prattika jew ta' ftehim antikompetittiv għandha tiġi dedota minn ċertu numru ta' koinċidenzi u ta' indizzi li, ikkunsidrati flimkien, jistgħu jikkostitwixxu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni koerenti oħra, il-prova ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, ġabru p. I-123, punti 55 sa 57).
- 43 Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li huwa biżżejjed li l-Kummissjoni turi li l-impriża kkonċernata pparteċipat f'laqgħat li matulhom ġew konklużi ftehim ta' natura antikompetittiva, mingħajr ma opponiethom manifestament, sabiex tipprova suffiċjentement il-parteċipazzjoni tal-imsemmija impriża fl-akkordju. Meta tiġi stabbilita l-parteċipazzjoni f'dawn il-laqgħat, hija din l-impriża li għandha tressaq provi tali li jistabbilixxu li l-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija laqgħat ma kellha ebda intenzjoni antikompetittiva, billi turi li kienet indikat lill-kompetituri tagħha li hija kienet qiegħda tieħu sehem f'dawn il-laqgħat b'perspettiva differenti minn tagħhom (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 1999, Hüls *vs* Il-Kummissjoni, C-199/92 P, ġabru p. I-4287, punt 155 ; Il-Kummissjoni *vs* Anic Partecipazioni, C-49/92 P, ġabru p. I-4125, punt 96, u Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq, punt 81).
- 44 Ir-raġuni wara dan il-prinċipju ta' dritt hija li, peress li pparteċipat fl-imsemmija laqgħa mingħajr ma ddiżassocjat ruħha pubblikament mill-kontenut tagħha, l-impriża tat-x'tifhem lill-parteċipanti l-oħra li hija kienet qed taqbel ma' dak li għie deċiż fiha u li kienet se timxi miegħu (sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq, punt 82).
- 45 Fir-rigward tal-valur probatorju li għandu jingħata għall-provi differenti, għandu jitfakkar li l-uniku kriterju rilevanti sabiex jiġu evalwati l-provi liberament prodotti huwa l-kredibbiltà tagħhom (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2004, Mannesmannröhren-Werke *vs* Il-Kummissjoni, T-44/00, ġabru p. II-2223, punt 84, u l-ġurisprudenza ċċitata; is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2004, Dalmine *vs* Il-Kummissjoni, T-50/00, ġabru p. II-2395, punt 72, u JFE Engineering *et vs* Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punt 273). Skont ir-regoli ġeneralment applikabbli fir-rigward tal-provi, il-kredibbiltà u, għaldaqstant, il-valur bħala prova ta' dokument jiddependu mill-oriġini

tiegħu, miċ-ċirkustanzi tat-tfassil tiegħu, mid-destinatarju tiegħu u min-natura sensibbli u affidabbli tal-kontenut tiegħu (sentenza Ciment, punt 39 iktar 'il fuq, punt 1053; konklużjonijiet tal-Imħallef M. Vesterdorf li jaġixxi bħala Avukat Ġenerali fis-sentenza tal-Qorti Ĝeneralist tal-24 ta' Ottubru 1991, Rhône-Poulenc vs Il-Kummissjoni, T-1/89, Ġabra p. II-867, II-869, II-956). B'mod partikolari, għandha tingħata importanza kbira liċ-ċirkustanza li dokument ġie stabbilit b'rabta mill-qrib mal-fatti (sentenza tal-Qorti Ĝeneralist tal-11 ta' Marzu 1999, Ensidesa vs Il-Kummissjoni, T-157/94, Ġabra p. II-707, punt 312, u tas-16 ta' Diċembru 2003, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied u Technische Unie vs Il-Kummissjoni, T-5/00 u T-6/00, Ġabra p. II-5761, punt 181) jew permezz ta' xhud dirett ta' dawn il-fatti (sentenza JFE Engineering *et al.* vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punt 207). Barra minn hekk, għandu jitfakkar li s-sempliċi fatt li l-informazzjoni ġiet ipprovduta minn impriżi li ressqa talba intiża sabiex jibbenefikaw mill-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-1996 jew tal-2002 ma jpoġġix indiskussjoni l-valur ta' prova tagħha.

46 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, l-ebda dispożizzjoni u l-ebda prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludu lill-Kummissjoni milli tinvoka, fil-konfront ta' impriżi, dikjarazzjonijiet ta' impriżi oħra inkriminati. Kieku dan ma kienx il-każ, l-oneru tal-prova fuq il-Kummissjoni ta' aġir li jikser l-Artikoli 81 KE u 82 KE, ikun insostenibbli u inkompatibbli mal-missjoni ta' sorveljanza tal-applikazzjoni tajba ta' dawk id-dispożizzjoni li hija attribwita lilha mit-Trattat (sentenza JFE Engineering *et al.* vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punt 192, u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Ċertu nuqqas ta' fiduċja fir-rigward tad-dikjarazzjoni volontarji tal-parteċipanti prinċipali għal akkordju illegali hija komprensibbli, peress li dawn il-parteċipanti jistgħu jimminimizzaw l-importanza tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-ksur u jimmassimizzaw dik tal-oħrajn. Madankollu, fid-dawl tal-loġika inerenti għall-proċedura prevista mill-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-1996 jew tal-2002, il-fatt li jintalab il-benefiċċju tal-applikazzjoni tagħhom sabiex jinkiseb tnaqqis tal-ammont tal-multa mhux neċċessarjament iħeġġeġ lill-impriżi jippreżentaw provi żnaturati fir-rigward tal-parteċipanti l-oħra fl-akkordju. Fil-fatt, kull tentativ sabiex il-Kummissjoni tiġi żvijata jista' jpoġġi indiskussjoni kemm is-sinċerità kif ukoll il-kompletezza tal-kooperazzjoni tal-impriżi u, għaldaqstant, jipperikola l-possibbiltà li din tal-aħħar tibbenifika b'mod sħiħ mill-komunikazzjoni imsemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ĝeneralist tas-16 ta' Novembru 2006, Peróxidos Orgánicos vs Il-Kummissjoni, T-120/04, Ġabra p. II-4441, punt 70, u tat-8 ta' Lulju 2008, Lafarge vs Il-Kummissjoni, T-54/03, li ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 58).

48 B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-fatt li persuna tistqarr li wettqet ksur u li tammetti għalhekk l-eżistenza ta' fatti li jmorru oltre dawk li l-eżistenza tagħhom setgħet tiġi dedotta b'mod dirett mid-dokumenti inkwistjoni jimplika *a priori*, fin-nuqqas ta' ċirkustanzi partikolari li jindikaw il-kuntrarju, li din il-persuna ddeċidiet li tgħid il-verità. Għalhekk, id-dikjarazzjoni li jmorru kontra l-interessi ta' min għamilhom għandhom, bħala regola, jiġu kkunsidrati bħala provi partikolarmen affidabbli (is-sentenzi tal-Qorti Ĝeneralist JFE Engineering *et al.* vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punti 211 u 212 ; tas-26 ta' April 2007, Bolloré *et al.* vs Il-Kummissjoni, T-109/02, T-118/02, T-122/02, T-125/02, T-126/02, T-128/02, T-129/02, T-132/02 u T-136/02, Ġabra p. II-947, punt 166, u Lafarge vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, punt 59).

49 Madankollu, id-dikjarazzjoni magħmulu minn impriżi kkonċernati fil-kuntest tat-talbiet intiżi għall-benefiċċju tal-komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-1996 jew tal-2002 għandhom jiġu evalwati bi prudenza u, b'mod ġenerali, ma jistgħux jitqiesu bħala provi partikolarmen affidabbli jekk dawn ma jkunux ġew ikkorrobbarati minn provi oħra.

50 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dikjarazzjoni ta' impriżi akkużata b'parteċipazzjoni f'akkordju, li l-eżattezza tagħha hija kkontestata minn numru ta' impriżi akkużati oħra, ma tistax tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi prova suffiċċenti tal-eżistenza ta' ksur imwettaq minn dawn tal-aħħar mingħajr ma tkun sostnuta minn provi oħrajn (sentenza tal-Qorti Ĝeneralist tal-25 ta' Ottubru 2005, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, T-38/02, Ġabra p. II-4407, punt 285; Bolloré *et al.* vs Il-Kummissjoni, punt 48 iktar 'il fuq, punt 167, u Lafarge vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, punt 293).

- 51 Finalment, għandu jitfakkar li, fil-premessa 215 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li l-kooperazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Coats u Prym kellha l-ġhan li tippermettilhom li jaqsmu bejniethom is-suq tal-prodotti tal-ħjata billi jipprekludu lill-grupp Coats milli jidħol fis-suq Ewropew tat-“tipi oħra ta’ qafliet”.
- 52 Huwa fid-dawl tar-regoli msemmija fil-punti 38 sa 50 iktar ’il fuq li għandu jiġi vverifikat jekk, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidratx provi kredibbli, preċiżi u konkordanti bieżżejjed sabiex tistabbilixxi, fil-kuntest ta’ evalwazzjoni globali u wara l-eżami tal-ispjegazzjonijiet jew tal-ġustifikazzjonijiet alternattivi pprovduti mir-rikorrenti, li kien seħħ il-ksur ikkonstatat fl-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata.
- Fuq il-laqgħa tal-1975 (premessa 217 tad-deċiżjoni kkontestata)
- 53 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-minuti tal-laqgħa tal-1975, li seħħet bejn ir-rikorrenti u William Prym, meta kkunsidrat li din kienet stadju qabel it-tqassim tas-swieq, filwaqt li mill-minuti msemmija kien jirriżulta li kien hemm biss diskussionijiet innokwi li jirrigwardaw id-distribuzzjoni esklużiva u konġunta, u teħid ta’ impenji min-naħħa tad-distributur li joqgħod lura milli jimmanifattura jew jiddistribwixxi prodotti kompetituri. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata minn nota tas-27 ta’ Ottubru 1975 ta’ E. F. lil A. P. senior u D. P. li tirrelata laqgħa li kienet seħħet bejn M. F. u B. fis-17 ta’ Ottubru 1975.
- 54 Mill-argument tar-rikorrenti jirriżulta li hija ma tikkonesta la li saret il-laqgħa u lanqas il-preżenza tagħha għaliha. Min-naħħa l-oħra, hija tikkonesta l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-minuti ta’ din il-laqgħa.
- 55 Il-premessa 217 tad-deċiżjoni kkontestata tgħid kif ġej:
- “Fl-1975, [il-gruppi] Coats u Prym iddeċidew li jikkooperaw fl-oqsma tal-bejgħ u tad-distribuzzjoni, f-numru kbir ħafna ta’ pajjiżi, billi jaġixxu bħala impriżi komuni ta’ negozju jew bħala distributuri esklużivi tal-prodotti tal-ieħor, skont is-setgħa fis-suq rispettiva tagħhom f'kull pajjiż. Ir-rendikont ta’ laqgħa li saret fi Stolberg [il-Ġermanja] fis-16 u fis-17 ta’ Novembru 1975 jiddefinixxi l-qafas ġeneriku tal-kooperazzjoni bejn dawn iż-żewġ gruppi”. [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 56 Parti kbira mir-rendikont tal-laqgħa li saret fi Stolberg tirrigwarda l-kummerċ intern: “Fil-kuntest ta’ dawn il-prinċipji, is-segwenti qafas ġeneriku tal-ftehim deher fil-livell tas-suq, li abbażi tiegħu ser isiru diskussionijiet dettaljati ulterjuri”. Il-punt 2(5) tar-rendikont imsemmi jistabbilixxi, fir-rigward tal-Italja, is-segwenti:
- “[Il-grupp] Prym ma huwiex ser ipoġġi ż-żippijiet tiegħu fis-suq”. [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 57 In-nota tas-27 ta’ Ottubru 1975 imsemmija iktar ’il fuq tirrifletti l-kontenut ta’ laqgħa ma’ Coats li seħħet fis-17 ta’ Ottubru 1975 fi Glasgow (ir-Renju Unit) u tinkludi fiha l-punt I, intitolat “Marketing”, imfassal b’dan il-mod:
- “L-eċċeżżjonijiet għar-regola, bħall-Italja, li digħi kkunsidrajna sa mill-bidu, għandhom jiġu eżaminati fil-fond.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 58 Ir-rikorrenti tindika, fin-nota ta’ qiegħ il-pażna Nru 2 tar-rikors, li “Coats Italy xtrat sehem f[il-kapital ta’] Lamprom, manifattur taż-żippijiet Taljan b’azzjonisti privati, u konċessjonarju ta’ liċenzja mingħand Opti [mixtriha minn Coats fl-1989], u wara xtrat il-kontroll sħiħ fl-1975/1976”. [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 59 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-rendikont jirreferi mhux biss għad-“diskussionijiet innokwi li jirrigwardaw id-distribuzzjoni esklużiva u konġunta, u [t-]teħid ta’ impenji min-naħħa tad-distributur li joqgħod lura milli jimmanifattura jew jiddistribwixxi prodotti kompetituri”, kif tosserva r-rikorrenti, iżda anki tqassim tas-suq taż-żippijiet fis-suq Taljan. Barra minn hekk, mil-lista tal-preżenzi jirriżulta li din kienet laqgħa tal-livelli superjuri taż-żewġ impriżi.

- 60 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ma kkunsidratx il-laqgħa tas-16 u tas-17 ta' Novembru 1975 bħala d-data tal-bidu tal-ksur, iżda bbażat ruħha fuq dan id-dokument preċedenti għad-data kkonstatata tal-bidu tal-ksur imsemmi (il-15 ta' Jannar 1977), sabiex teżamina aħjar il-provi marbuta mal-perijodu tal-ksur. Xejn ma kien jipprekludi lill-Kummissjoni milli tieħu inkunsiderazzjoni stadiji preparatorji għall-ħolqien proprju tal-akkordju, sabiex tikkonstata s-sitwazzjoni ekonomika li ppreċediet u li tispjega l-ħolqien tal-akkordju jew sabiex tistabbilixxi u tevalwa r-rwl rispettiv li kellhom il-membri tal-akkordju fl-ippjanar, fil-ħolqien u fl-implementazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' bl-istess mod tieħu inkunsiderazzjoni l-fażi sussegwenti għall-perijodu tal-ksur proprju, sabiex tevalwa, abbażi tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni jew ta' eventwali ċirkustanzi attenwanti, il-kollaborazzjoni effettiva tal-impriżi fil-kxif tal-akkordju tagħhom (sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' April 2004, Tokai Carbon *et al* vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Tokai I", T-236/01, T-239/01, T-244/01 sa T-246/01, T-251/01 u T-252/01, Ġabru p. II-1181, punt 304).
- 61 Barra minn hekk, id-dokument tal-15 ta' Jannar 1977, li ser jiġi eżaminat iktar 'il quddiem, jgħid is-segwenti:
- "Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-[kooperazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Coats u Prym] huma stabbiliti bil-mod definit fil-minuti tal-laqgħa ta' Stolberg tas-16 u tas-17 ta' Novembru 1975, kompletati b'dan il-mod [...]"
- Fuq id-dokument tal-15 ta' Jannar 1977 (premessi 218 sa 222 tad-deċiżjoni kkontestata)
- 62 Ir-rikorrenti tosserva li l-Kummissjoni ma ħadix inkunsiderazzjoni l-fatt li d-dokument tal-15 ta' Jannar 1977, li hija bbażat ruħha fuqu fid-deċiżjoni kkontestata, ma huwa la ffirmat u lanqas komplet, u li xejn ma jippermetti li jinstab min, mingħand Coats jew mingħand William Prym, fasslu jew ikkonsenta għalih oralment, peress li ma teżisti ebda prova ta' kunsens bil-miktub. Dawn l-elementi kollha jikkostitwixxu indizji utli sabiex jiġi evalwat il-valur ta' prova ta' dan it-tip ta' dokument. Skont ir-rikorrenti, jirriżulta b'mod impliċitu mill-kunċett ta' kooperazzjoni totali u b'mod espliċitu mill-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002, li l-Kummissjoni kellha titlob lil William Prym li tressaq provi li jirriżultaw minn ħaddiema qodma, sabiex tkun tista' titlob il-benefiċċju tal-komunikazzjoni msemmija.
- 63 Minn dawn l-argumenti jirriżulta li r-rikorrenti ma tikkontestax l-eżistenza tad-dokument tal-15 ta' Jannar 1977. Min-naħħa l-oħra, hija tikkontesta l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni għamlet tiegħu.
- 64 Il-premessi 218 u 219 tad-deċiżjoni kkontestata jaqraw kif ġej:
- (218) Abbażi ta' dan il-qafas ta' kooperazzjoni, Coats u William Prym ikkonkludew ftehim ġenerali ta' qsim tas-suq fis-settur tal-prodotti tal-ħjata, hekk kif jixhed il-ftehim bil-miktub tal-15 ta' Jannar 1977 (iktar 'il quddiem imsejjaħ 'ftein tal-1977'), li permezz tiegħu Coats intrabtet 'li ma teżerċitax, direttament jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik [...], u lanqas attività ta' distribuzzjoni fl-Ewropa ta' prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik kompetituri mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' [William] Prym'. Min-naħħa tagħha, [William] Prym intrabtet 'li ma teżerċitax, direttamente jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' ħajt għall-ħjata u ta' ħajt għal użu atriġjanali, eċċ. [...], u lanqas attività ta' distribuzzjoni fl-Ewropa ta' ħajt għall-ħjata u ta' ħajt għal użu artiġjanali kompetituru, eċċ, mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' Coats'.
- (219) Klawżola tal-ftehim tal-1977 tippreċiża li l-impenji li huma espressi fi, anki jekk ma humiex legalment eżegwibbli, 'madankollu jirriflettu l-ispirtu tal-ftehim Coats-[William] Prym u bħala tali jikkostitwixxu obbligu morali li jgħaqqa liż-żewġ partijiet". [traduzzjoni mhux uffiċċiali]

65 Id-dokument tal-15 ta' Jannar 1977 jaqra kif ġej:

"Il-prinċipji ġeneralji li jirregolaw il-[kooperazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Coats u Prym] huma stabbiliti bil-mod definit fil-minuti tal-laqgħa ta' Stolberg tas-16 u tas-17 ta' Novembru 1975, kompletat kif ġej:

Bl-eċċeżżjoni ta' sitwazzjonijiet diġà kkostitwiti [elenkati fil-lista (a)] Coats tintrabat:

- 1) li ma teżerċitax, direttament jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik [elenkati fil-lista (b), abbażi tal-kuntratt Taljan li jeskludi l-labar għall-magni], u lanqas attività ta' distribuzzjoni fl-Ewropa ta' prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik kompetituri mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' [William] Prym;
- 2) fil-bqija tad-dinja, li ma teżerċitax, direttament jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' Prym u lanqas attività ta' produzzjoni ta' prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik kompetituri mingħajr ma tkun ikkonsultat, bil-quddiem, lil [William] Prym.

[William] Prym tintrabat:

- 1) li ma teżerċitax, direttamente jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' ħajt għall-ħjata u ta' ħajt għal użu artiġjanali, eċċ. [li jidhru fil-lista (ċ)], u lanqas attività ta' distribuzzjoni fl-Ewropa ta' ħajt għall-ħjata u ta' ħajt għal użu artiġjanali kompetituri, eċċ., mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' Coats;
- 2) fil-bqija tad-dinja, li ma teżerċitax, direttamente jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' ħajt għall-ħjata u ta' ħajt għal użu artiġjanali, eċċ., mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' Coats, u lanqas attività ta' distribuzzjoni ta' ħajt għall-ħjata u ta' ħajt għal użu artiġjanali kompetituri, eċċ., mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' Coats, u lanqas attività ta' distribuzzjoni ta' ħajt għall-ħjata u ta' ħajt għal użu artiġjanali kompetituri, eċċ., mingħajr ma tkun ikkonsultat, bil-quddiem, lil Coats.

Huwa aċċettat li dawn l-impenji ma humiex legalment eżegwibbli, iżda madankollu jirriflettu l-ispirtu tal-ftehim Coats-[William] Prym u bħala tali jikkostitwixxu obbligu morali li jgħaqqa li liż-żewġ partijiet." [traduzzjoni mhux uffiċċiali]

66 Minn qari ta' dan id-dokument jirriżulta wkoll li dan jirreferi għal-laqgħa li nżammet fi Stolberg fis-16 u s-17 ta' Novembru 1975 u, b'mod iktar preċiż, li dan għandu l-għan li jikkompleta l-prinċipji ġeneralji li kienu ġew diskussi matul il-laqgħa msemmija. Id-dokument imsemmi jirrifletti d-dettalji tal-kooperazzjoni bejn iż-żewġ impriżi fuq il-livell kummerċjali.

67 Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq in-nuqqas ta' valur ta' prova tad-dokument tal-15 ta' Jannar 1977, għandu jiġi kkonstatat li l-kredibbiltà ta' dan id-dokument ma hijiex neċċessarjament imnaqqsa mill-fatt li ma huwiex iffirms. L-ewwel nett, il-fatt li dan id-dokument ma huwiex iffirms ma jistax jissorprendi, peress li dan huwa nota dwar laqgħa li s-suġġett antikompetittiv tagħha kien jiġiustifika, għall-awtur tagħha, li dan iħalli l-inqas traċċi possibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Marzu 1992, Shell vs Il-Kummissjoni, T-11/89, Ġabra p. II-757, punt 86). It-tieni nett, id-data miktuba fid-dokument ("15. 1. 1977") tippermetti li jitqies li dan id-dokument tfassal fiż-żmien meta seħħew il-fatti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bollaré et vs Il-Kummissjoni, punt 48 iktar 'il fuq, punt 173). It-tielet nett, sa fejn dan id-dokument fi informazzjoni speċifika li tikkorrispondi għal dik li tinsab f'dokumenti oħrajn, għandu jiġi kkunsidrat li dawn l-elementi jistgħu jsaħħu lil xulxin reċiprokament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza JFE Engineering et vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punt 275). Ir-raba' nett, hekk kif b'mod partikolari fakkret il-Qorti Ġenerali fis-sentenza tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij et vs

Il-Kummissjoni (T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, Ġabro p. II-931, punt 715), sabiex ikun hemm ftehim, fis-sens tal-Artikolu 81(1) KE, huwa biżżejjed li l-impriżi inkwistjoni jkunu esprimew ir-rieda komuni tagħhom li jaġixxu b'mod determinat fis-suq.

- 68 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-talba tal-grupp Prym intiża għall-benefiċċju tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002 tinkludi s-silta segwenti, iċċitata fil-premessa 220 tad-deċiżjoni kkontestata:

“Permezz ta' ftehim tal-15 ta' Jannar 1977, li għadu fis-seħħ illum, Coats u [William] Prym qasmu bejniethom is-suq tal-prodotti tal-ħjata. L-ebda waħda mill-partijiet ma tista' tintervjeni fis-settur tas-suq tal-parti l-oħra mingħajr il-kunsens tagħha. Coats kienet u għadha responsabbli mis-settur tal-prodotti tal-ħjata tessili (ħajt għall-ħjata, qoton tar-rakku, suf); [William] Prym kienet u għadha responsabbli mis-settur tal-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik (labar u buttuni li jingħafsu).

Abbażi tal-ftehim qafas tal-1976/1977, Coats u [William] Prym iddeċidew li jgħaqdu flimkien, għal finniet ta' kummerċjalizzazzjoni, il-firxa ta' prodotti kumplimentari tagħhom ta' ħajt għall-ħjata, qoton tar-rakku, suf (prodotti tessili għall-ħjata), min-naħħa waħda, u taż-żippijiet, buttuni li jingħafsu u labar (prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik), min-naħħa l-oħra. Din il-fużjoni kienet ibbażata fuq il-ħsieb li kien hemm bżonn labra biex jintuża ħajt għall-ħjata u li kien jaqbel li dawn iż-żewġ prodotti jiġu kkummerċjalizzati flimkien permezz tal-istabbiliment ta' kanal wieħed ta' bejgħ. Il-ftehim qafas kien intiż sabiex jiġura l-konsolidament ta' kull impriża fil-qasam tal-attività prinċipali tagħha u, b'mod partikolari, l-iżvilupp tagħha bl-internazzjonallizzazzjoni tal-pożizzjoni tagħha fis-suq, filwaqt li twettaq sinerġji fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni bl-eliminazzjoni tad-duplikati. Abbażi tal-ftehim, kull impriża kienet tinrabat li ma tintervjenix fil-qasam tal-parti l-oħra mingħajr il-kunsens tagħha.

Kien ġie miftiehem ukoll li Coats kellha tixtri sehem ta' 24.9 % ta' [William] Prym u li din kellha d-dritt li tinnomina membru t[al-]bord tad-diretturi [tagħha] [...] u żewġ membri tal-bord tas-sorveljanza tagħha. Coats eżerċitat dawn iż-żewġ drittijiet sal-1994.” [traduzzjoni mhux uffiċċiali]

- 69 Iċ-ċirkolari tal-20 ta' Jannar 1977 ta' Coats Patons (iktar 'il quddiem iċ-“ċirkolari tal-1977”) tikkonferma x-xiri minn Coats ta' sehem ta' 24.9 % mill-kapital ta' William Prym, kif ukoll in-nomina ta' membru tal-bord tad-diretturi tagħha (J. G.) u ta' żewġ membri tal-bord tas-sorveljanza tagħha (B. u W. H.).

- 70 Id-dikjarazzjonijiet ta' A. P. isostnu, jikkompletaw u jikkonferma il-kontenut tal-ftehim tal-15 ta' Jannar 1977 (iktar 'il quddiem il-“ftein tal-1977”). Fir-rigward tal-valur ta' prova ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, ikkontestati mir-rikorrenti, għandu jitfakkar li, għalkemm ġeneralment ix-xhieda mogħtija b'mod volontarju mill-parteċipanti prinċipali f'akkordju illegali tiġi ttrattata b'ċertu suspect, meta titqies il-possibbiltà li dawn il-parteċipanti jkollhom it-tendenza li jnaqqsu l-importanza tal-kontribut tagħhom fil-ksur u li jżidu dak ta' oħrajn, xorta jibqa' l-fatt li, l-argument tar-rikorrenti ma jikkorrispondix għal-loġika inerenti tal-proċedura stabbilita mill-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002. Effettivament, il-fatt li persuna titlob biex tibbenefika mill-applikazzjoni ta' dawn il-komunikazzjonijiet bil-għan li jinkiseb tnaqqis fl-ammont tal-multa mhux neċċessarjament joħloq incitativ biex jiġi ppreżentati provi mhux idonei fil-konfront tal-parteċipanti l-oħra inkriminati fl-akkordju. Fil-fatt, kull tentattiv biex il-Kummissjoni tiġi indotta tagħmel żball jista' jqajjem dubji dwar is-sinċerità kif ukoll il-kompletezza tal-kooperazzjoni ta' min qed jaġħmel it-talba u, għaldaqstant, jipperikola l-possibbiltà li dan jibbenefika b'mod sħiħ mill-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni applikabbli (ara l-punti 47 u 48 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, mill-premessa 246 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni wriet, fir-rigward tat-talbiet tal-grupp Prym intiżi sabiex jibbenefika mill-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002, ċerta prudenza, peress li hija pprovat tikkorrobora din id-dikjarazzjoni bi provi oħra. B'hekk, hija ma kkunsidratx l-2004 bħala d-data meta ntemm il-ksur, kif madankollu indika l-grupp Prym fit-talbiet imsemmija, iżda l-laqqha tal-15 ta' Lulju 1998.

- 71 Madankollu, id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' M. F. tal-11 ta' Mejju 2006 issemmi, taħt it-titolu "Il-ftehim tal-1977 u r-relazzjonijiet bejn Coats u [William] Prym mis-snin 1970 sas-snin 1990", punt 5 imfassal b'dan il-mod:

"5 Għalkemm qatt ma rajt il-ftehim tal-1977 qabel id-[dikjarazzjoni tal-oġġeżżjonijiet kumplimentari], nista' nifhem għalfejn Coats u [William] Prym setgħu kkonkludew tali arraġġement fl-1977. F'Jannar 1977, Coats xrat sehem ta' 24.9 % fil-kapital ta' [William] Prym u ftehim kien ikun koerenti ma' dak li niddiskrivi bħala l-'proġetti il-kbir' ta' B. u [...] E. F., li kienu, dak iż-żmien, rispettivament direttur ġenerali ta' J & P Coats Ltd (it-taqsim ta' Coats Patons plc li tieħu ħsieb is-settur tal-ħajt) u amministratur ta' [William] Prym. Abbażi tal-laqgħa tal-1975, fuq ix-xiri ta' ishma minn Coats fil-kapital ta' [William] Prym u abbażi tal-impriżi konġunti stabbiliti fis-snin 1970 u 1980, ngħid li B. u [...] E. F. kienu, minn nofs is-snин 70, ikkunsidraw kooperazzjoni stretta ħafna bejn Coats u [William] Prym fir-rigward tal-għaqda tal-marketing u tad-distribuzzjoni. Madankollu, ma naħsibx li riedu joperaw tqassim tas-swieq bejn iż-żewġ kumpanniji permezz ta' ftehim. Fis-snin 1970, pożizzjonament ta' Coats fis-settur tal-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik (mingħajr ma tiproċedi għax-xiri ta' [William] Prym), jew ta' [William] Prym fis-settur tal-ħajt, kien improbabbli ħafna. Konsegwentement, l-impenn, min-naħħa waħda, ta' Coats li ma tiħux post fis-settur tal-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik u, min-naħħa l-oħra, ta' [William] Prym li ma tiħux post fis-settur tal-ħajt, ma kellu l-ebda valur." [traduzzjoni mhux uffiċjal]

- 72 Isegwi li M. F. jirrikonoxxi li, minkejja li ma kienx jaf bl-eżistenza ta' tali ftehim, huwa seta' jifhem perfettament ir-raġunijiet għalfejn iż-żewġ impriżi waslu għalih (wara x-xiri minn Coats ta' 24.9 % tal-kapital ta' William Prym). Min-naħħa l-oħra, skont M. F., dawn ma kellhomx l-intenzjoni li jaqsmu bejniethom is-swieq ikkonċernati.

- 73 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Kummissjoni sostniet, fil-premessa 223 tad-deċiżjoni kkontestata, li għandha provi oħra li jikkonfermaw il-kontenut tad-dokument mibgħut mill-grupp Prym, jiġifieri s-silta mid-diskors ta' D. P. tad-9 ta' Novembru 1988 (ara l-punti 87 sa 89 iktar 'il quddiem), in-nota pparejata minn A. tat-12 ta' Diċembru 1991 (ara l-punti 90 sa 94 iktar 'il quddiem), il-minuti tal-laqgħa ma' Coats Patons tal-11 ta' Frar 1993 (ara l-punti 95 sa 100 iktar 'il quddiem). Dawn il-provi ser jiġu eżaminati iktar 'il quddiem.

- 74 Fir-rigward tal-affermazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li jirriżulta b'mod impliċitu mill-kunċett ta' kooperazzjoni totali u b'mod espliċitu mill-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002, li l-Kummissjoni kellha titlob lil William Prym sabiex tippreżenta provi li jirriżultaw minn ex ħaddiema sabiex tkun tista' titlob il-benefiċċju tal-komunikazzjoni msemmija, għandu jiġi rrilevat li minn din tal-aħħar ma jirriżulta bl-ebda mod li William Prym kienet obbligata li tippreżenta dikjarazzjoniijiet ta' ex ħaddiema sabiex tingħata tnaqqis fl-ammont tal-multa. Għalhekk, l-ewwel motiv għandu jiġi milquġi. Konsegwentement, dan l-ilment ma jistax jiġi milquġi.

– Fuq l-ittra tat-12 ta' April 1977 (premessa 224 tad-deċiżjoni kkontestata)

- 75 Ir-rikorrenti hija tal-fehma li l-Kummissjoni interpretat ħażin ittra tat-12 ta' April 1977 ta' S. (direttur tal-marketing ta' Coats) mibgħuta lil Needles Industries Ltd (iktar 'il quddiem "NIL") bħala li tirreferi għal akkordju fuq it-tqassim tas-swieq, filwaqt li qari bir-reqqa juri li din kienet tikkonċerna ftehim ta' distribuzzjoni esklużiva fl-Ewropa kif ukoll l-akkwist minn Coats ta' sehem strateġiku fil-kapital ta' William Prym. Din l-ittra għandha tinqara fil-kuntest tad-diversi proġetti fil-qasam tad-distribuzzjoni li nbdew waqt il-laqgħa tas-16 u tas-17 ta' Novembru 1975. Dawn il-proġetti jissemmew f'abbozz ta' ittra ta' Jannar 1976 għall-attenzjoni tal-livell amministrattiv.

76 Il-premessa 224 tad-deċiżjoni kkontestata taqra kif ġej:

“Diġà f’April 1977, b’ittra, tal-10 ta’ April 1977, mibgħuta lil NIL, Coats kienet għamlet referenza b’mod ċar għal ftehim bejn Coats-[William] Prym u għal kumitat ta’ kummerċjalizzazzjoni NIL-[William] Prym li kien jieħu ħsieb li ‘l-operazzjonijiet jitmexxew fl-ispirtu u skont it-test tal-ftehim Coats-[William] Prym’. Kien hemm miktub ukoll li ‘l-prinċipju essenzjali li [NIL] [kellu] jkollha f’moħħha [kien] li Prym [kellha] titqies bħala [sieħeb] u mhux bħala kompetititur amikevoli [...] F’każ ta’ nuqqas ta’ ftehim kunsiderevoli jew [fir-rigward] ta’ kull inċertezza dwar l-applikazzjoni tal-ftehim Coats-[William] Prym għal swieg partikolari jew għal problemi spċifici, [NIL kellha] dejjem tikkonsulta mal-amministratur tas-suq korrispondenti fi Glasgow [Coats].” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

77 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li fil-verità, din hija ittra tat-12 ta’ April 1977.

78 Ir-rikorrenti tinvoka ittra ta’ Jannar 1976 kif ukoll iċ-ċirkolari tal-1977 sabiex turi li l-provi li jinsabu fil-fajl tal-Kummissjoni juru wkoll l-eżistenza ta’ kooperazzjoni legali, u dan sabiex telmina l-valur ta’ provi oħra li jistabbilixxu l-eżistenza ta’ kooperazzjoni illegali.

79 Madankollu, l-ittra ta’ Jannar 1976 turi, minbarra l-eżistenza ta’ kooperazzjoni legali, il-ħtieġa li jiġu osservati, bħala prinċipju, fuq is-swieq li fuqhom kienet diġà teżisti kompetizzjoni ma’ NIL, il-pożizzjonijiet tas-suq ta’ dak iż-żmien. F’dan ir-rigward, din tinkludi s-silta segwenti:

“Fis-swieq fejn diġà teżisti kompetizzjoni ma’ NIL, sar ftehim, b’tali mod li, fil-prinċipju, il-pożizzjonijiet tas-suq attwali ser jiġu osservati. Fil-każ taż-żippijiet, [William] Prym tinsab f’kompetizzjoni ma’ Opti/LF fuq ftit swied Ewropej biss, u qed isiru diskussjonijiet ma’ Opti/LF sabiex jintwera li assoċjazzjoni ma’ [William] Prym ma hijiex inkompatibbli mal-arranġamenti globali preżenti tagħna.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

80 Barra minn hekk, f’dak li jikkonċerna l-ittra tat-12 ta’ April 1977, ir-rikorrenti ma tindikax għalfejn S. ġie prekluż milli “jirreferi bil-miftuħ għal ftehim ta’ tqassim tas-suq f’ittra [...] mibgħuta lil [NIL]”. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

– Fuq il-ftehim Hugenpoet (premessi 225 u 226 tad-deċiżjoni kkontestata)

81 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Kummissjoni ma ppreżentat ebda prova ta’ natura li tikkorrobora l-eżistenza tal-ftehim imsejjaħ “il-ftehim Hugenpoet”, apparti d-dikjarazzjoni ta’ A. P., u li hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-provi li kienu jikkontradixxu l-eżistenza ta’ tali ftehim, bħall-fatt li William Prym kienet wettqet l-attività tagħha bħala manifattur taż-żippijiet. L-unika azzjoni mressqa mill-Kummissjoni insostenn tal-eżistenza tal-ftehim Hugenpoet hija l-fatt li William Prym kienet esternalizzat il-fornitura tagħha ta’ medded ta’ drapp bis-snien tal-gerijiet mingħand Opti. Issa, ir-rikorrenti ssostni li William Prym kienet kompliet timmanifattura ż-żippijiet, u li l-esternalizzazzjoni kienet immotivata biss minn kwistjoni ta’ spejeż, u ma kinitx saret fil-kuntest ta’ irtirar mis-setturi taż-żippijiet (ara, f’dan ir-rigward, ir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari).

82 Hija tqis li l-annullament tal-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni għandu importanza kunsiderevoli fir-rigward tal-gravità u tat-tul ta’ kull ksur allegat. Fil-fatt, isegwi li, anki fl-iktar verżjoni tal-kawża favorevoli għall-Kummissjoni, jeżisti perijodu ta’ ħdax-il sena u nofs [mill-ittra ta’ Coats lil NIL tat-12 ta’ April 1977 sal-Beirat (bord tas-sorveljanza) ta’ William Prym tad-9 ta’ Novembru 1988] fejn ma kienet teżisti ebda prova li l-ksur allegat kien seħħi.

83 Il-premessa 225 u 226 tad-deċiżjoni kkontestata jaqraw kif ġej:

“(225) Skont [William] Prym, fil-bidu tas-snin 1980, [hija stess], Coats u Opti, manifattur indipendent ta’ prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik sal-1988, ingħaqdu fil-kuntest ta’ dak li ssemmu l-ftehim Hugenpoet. Dwar dan is-suġġett, [William] Prym tikteb: ‘Dan ifisser li kien ipprojbit għal kull kumpannija ta’ dan it-triumvirat li toħloq u li tikkummerċjalizza l-prodotti li kienu

jiproduċu u jikkummerċjalizzaw it-tnejn l-oħra. Kien għalhekk li Opti biegħet lil [William] Prym id-dipartiment tagħha ta' ppakkjar u ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik fil-Pajjiżi l-Baxxi [...] Riżultat ieħor kien li [William] Prym esprimiet ir-rieda tagħha li min-naħħa tagħha tirtira mis-suq taż-żippijiet. Inizjalment, hija temmet il-produzzjoni serjal tagħha taż-żippijiet fil-bidu tas-snin 80, qabel ma bdiet tiġi fornita minn Opti matul diversi snin fil-kuntest ta' kuntratt ta' provvista'. Il-grupp Prym (abbażi tal-ftehim imsejjaħ minn [William] Prym bħala 'ftehim dwar il-provvista ta' ktajjen għaż-żippijiet) abbanduna fil-bidu tas-snin 1980 il-produzzjoni tal-komponenti prinċipali taż-żippijiet u sar parteċipant minuri ta' dan is-suq sal-1 ta' Lulju 1998 (b'mod partikolari preżenti fil-Ġermanja), fliema data Prym Fashion xtrat 50 % tal-attività taż-żippijiet ta' Bonduel Sarl sabiex tgħaqqadha mal-attività limitata ta' Prym Fashion f'dan is-settur, fil-kuntest ta' impriża komuni msejħha Bonduel-Prym u wara msemija Éclair Prym wara li ġiet mixtrija kollha minn Prym Fashion fl-2001.

- (226) Skont Coats, l-allegazzjonijiet ta' [William] Prym dwar il-ftehim Hugenpoet huma vagi u ma humiex koerenti. [William] Prym tirrikonoxxi li ma jeżisti ebda ħjiel bil-miktub tal-ftehim Hugenpoet. Madankollu, Coats ma tikkontestax il-fatt li [William] Prym kienet irtirat mill-manifattura tal-ktajjen għaż-żippijiet, liema ħaġa saret, skont il-komunikazzjoni ta' [William] Prym, b'mod konformi mal-ftehim [...] Hugenpoet u kienet tirrappreżenta l-ewwel stadju tat-tluq tagħha mis-settur tal-manifattura taż-żippijiet. Iżda l-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-eżistenza tal-ftehim Hugenpoet ma hija msejsa fuq ebda prova bil-miktub. Madankollu, hija tqis li dan l-avveniment, kif deskrift minn [William] Prym, juri kif kienet qegħdha tevolvi s-sitwazzjoni tas-suq tal-prodotti tal-ħjata u kif Coats u [William] Prym kienu jipprovaw jadattaw il-ftehim ta' qsim tas-suq tagħhom skont din l-evoluzzjoni. Fl-istess ħin ma' dan it-tqassim ġenerali tas-suq tal-prodotti tal-ħjata, iż-żippijiet kienu l-uniku qasam fejn kien hemm koinċidenza tal-attivitàjet tagħhom (apparti s-settur tal-labar). L-ebda waħda mill-impriżi ma kienet awtriċi primarja f'dawn l-istess swieq ġeografiċi. Il-grupp Prym kien jiproduċi u jiddistribwixxi żippijiet essenzjalment fil-Ġermanja u fl-Awstrija u kwantitatijiet żgħar biss fis-swieq ġirien. Filwaqt li Coats kienet tbighi iż-żippijiet tagħha fl-Awstrija flimkien ma' Prym, fil-Ġermanja hija qatt ma pproduċiet u lanqas biegħet żippijiet qabel ma xtrat lil Opti." [traduzzjoni mhux uffiċċiali]
- 84 Mill-premessa 226 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni rrikonoxxi li l-affermazzjoni li tidher fit-talbiet tal-grupp Prym intiżi sabiex jibbenfika mill-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002, f'dak li jikkonċerna l-eżistenza tal-ftehim Hugenpoet, ma hija kkorroborata minn ebda prova bil-miktub. Madankollu, dan l-avveniment kien juri, skont il-Kummissjoni, l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fis-suq u tar-relazzjoni bejn l-impriżi kkonċernati. Fiż-żmien tal-ftehim tal-1977, il-priorità kienet is-separazzjoni tas-swieq prinċipali tagħhom, il-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik għal William Prym u l-ħajt għal Coats, filwaqt li s-settur taż-żippijiet kien jikkostitwixxi wieħed miż-żewġ oqsma fejn kienet teżisti koinċidenza bejn l-attivitàjet tagħhom.
- 85 L-argument tar-rikorrenti, li jgħid li William Prym kienet kompliet timmanifattura ż-żippijiet, peress li l-esternalizzazzjoni tal-provvista tagħha ta' medded ta' drapp bis-snien tal-gerijiet ġiet immotivata biss minn kwistjoni ta' spejjeż u ma saritx fil-kuntest ta' irtirar mis-settur taż-żippijiet, tista' parżjalment tiġi kkorroborata mill-kuntratt ta' provvista konkluż bejn Opti u William Prym, liema kuntratt kien jiskadi fil-31 ta' Marzu 1999. Min-naħħa l-oħra, bl-eċċeżżjoni tal-allegazzjoni tar-rikorrenti fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-attività ta' William Prym li tikkonċerna l-manifattura taż-żippijiet, għandu jiġi kkonstatat li l-fajl ma fihx provi li tiġi kkorroborata ż-żamma ta' din l-attività.
- 86 Fir-rigward tal-valur ta' prova tad-dikjarazzjoni tal-grupp Prym, il-Kummissjoni stess tammetti li dawn ma jistgħux jintużaw bħala prova biżżejjed tal-ftehim ta' tqassim tas-swieq konklużi fis-snin 70. Madankollu, hija ssostni li, anki mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-ftehim Hugenpoet, l-eżistenza tal-ftehim ta' tqassim tas-swieq li tmur lura għas-snin 70 ma tistax tiġi miċħuda. Hijha żżid li l-eżistenza tal-ftehim Hugenpoet hija plawżibbli wkoll fir-rigward tal-kritiki tal-grupp Prym fir-rigward tax-xiri ta' Opti. Fil-fatt, anki jekk l-eżistenza ta' ftiegħ ma kinitx ġiet ikkorroborata minn provi li saru

fid-data taż-żmien tal-ksur, id-dikjarazzjoni tal-grupp Prym f'dan ir-rigward kienet tikkorrispondi għal perijodu (is-snин 80) li għaliex il-Kummissjoni tqis li għandha provi biżżejjed li jipprova il-ksur. Barra minn hekk, fid-dawl tal-fatt li d-dikjarazzjoni tal-grupp Prym dehret li kienet affidabbli fuq punti oħra, u li din kienet tmur kontra l-interessi tagħha stess, ma hemmx iktar raġuni għalfejn titqiegħed f'dubju l-affidabbiltà tagħha f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' dan il-ftehim.

– Fuq il-laqgħa tal-Beirat tad-9 ta' Novembru 1988 (premessi 227 sa 230 tad-deċiżjoni kkontestata)

- 87 Ir-rikorrenti essenzjalment tosserva li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat il-minuti tal-Beirat ta' William Prym, tad-9 ta' Novembru 1988, fis-sens li kienu jirreferu għall-ftehim tal-1977. Skonha, huwa iktar probabbli li dawn kienu qegħdin jirreferu għal rapport li sar fuq talba ta' William Prym (ara l-premessi 227 u 230 tad-deċiżjoni kkontestata). Ma tressqet l-ebda prova kredibbi tal-eżistenza tal-ftehim Hugenpoet. Konsegwentement, jeżisti żmien ta' ħdax-il sena u nofs fejn ma hemmx informazzjoni dwar l-allegata applikazzjoni kontinwa tal-ftehim tal-1977.
- 88 F'dan il-każ, hemm diskors ta' D. P. tad-9 ta' Novembru 1988, quddiem il-Beirat ta' William Prym, ftit żmien wara x-xiri minn Coats tal-manifattur taż-żippijiet Opti.
- 89 Effettivament, minn dan id-diskors jirriżulta li D. P. jilmenta li B., president-direttur ġenerali ta' Coats u membru tal-Beirat ta' William Prym, ma osservax l-obbligi ta' Coats fir-rigward ta' William Prym billi xtara lil Opti mingħajr ma kkonsulta miegħu, b'mod li jmur kontra l-interessi ta' William Prym hekk kif kienu tfasslu bil-miktub.

– Fuq in-nota ta' William Prym tat-12 ta' Diċembru 1991 (premessa 231 tad-deċiżjoni kkontestata)

- 90 Ir-rikorrenti essenzjalment tosserva li l-Kummissjoni ma ġadix inkunsiderazzjoni n-nota ta' William Prym tat-12 ta' Diċembru 1991, li kienet tissuġġerixxi li l-kontenut tal-ftehim tal-1977 seta' jkun magħruf minn żewġ persuni biss u li wara, rispettivament, il-mewt u l-irtirar tagħhom (B. u E. F.), l-imsemmi ftiehim ma kienx ġie kkomunikat lid-direttorat ġenerali ta' William Prym. Ir-rikorrenti ssostni li r-riferenza li saret f'din in-nota għal ftiehim konkluż fl-1975 tikkorrispondi, fir-realtà, għal-laqgħa tas-16 u tas-17 ta' Novembru 1975, li saret fi Stolberg. Ir-rikorrenti tosserva li l-Kummissjoni għamlet l-istess interpretazzjoni żabaljata fir-rigward ta' impenn leġittimu ta' nuqqas ta' kompetizzjoni fil-kawża li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni C (2004) 4221 finali, tas-26 ta' Ottubru 2004, dwar proċedura ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/F-1/38.338 — PO/Needles). F'din il-kawża, Coats kienet protetta bħala x-xerreja esklużiva ta' Entaco mill-obbligu mogħti lil din tal-aħħar li ma tikkompetix magħha fiż-żoni prinċipali ta' bejgħ tagħha. Il-Kummissjoni kkunsidrat li dan kien tqassim tas-swieq, iż-żda, fis-sentenza Coats, punt 35 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali annullat din il-konklużjoni u kkunsidrat li din kienet miżura ta' protezzjoni leġittima. B'mod partikolari, ir-rikorrenti tirreferi għall-punt 150 tas-sentenza msemmija.

- 91 Il-premessa 231 tad-deċiżjoni kkontestata taqra kif ġej:

“Coats tiċċita n-nota tat-12 ta' Diċembru 1991 li tinsab fil-fajl tal-Kummissjoni. Din tagħti x'jinftiehem li n-nota probabbilment ġiet ippreparata minn A. ta' [William] Prym, peress li l-inizjali ‘vA’ kienu jidhru fir-rokna ta' fuq tan-nota. L-ewwel paragrafu tad-dokument jirreferi espressament għan-negożjati tal-1975 dwar l-akkordju ta' distribuzzjoni u ta' qsim taż-żoni ġeografiċi bejn [William] Prym u Coats. In-negożjaturi kienu B. (min-naħħa ta' Coats) u E. F. (min-naħħa ta' [William] Prym). Coats tiċċita dan id-dokument sabiex issostni l-argument tagħha li jgħid li t-test tal-ftehim tal-1977, għalkemm ġie konkluż, baqa' biss f'idejn in-negożjaturi, jiġifieri B. u E. F. Din il-prova turi b'mod ċar l-eżistenza ta' ftiehim ta' qsim tas-suq, li kien jistabbilixxi l-qsim tas-swieq bejn [William] Prym u Coats. Meta tiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni fuq din il-prova, Coats tikkontradicxi l-argumenti preċedenti tagħha, meta kienet issostni li tali ftiehim ma kienx jeżisti. Barra minn hekk, il-fatt [li], fl-1991, it-test tiegħu kien aċċessibbli biss minn B. u E. F. mhux neċċessarjament jimplika li

s-suċċessuri tagħhom ma kinux jafu bl-eżistenza tiegħu. In-nota tat-12 ta' Diċembru 1991 issemmi b'mod ċar il-ftehim ta' tqassim tas-swieq, li l-eżistenza tiegħu ma kinitx kufidenzjali. Għalhekk, digħi fl-1991, kien hemm iktar persuni li kienu jafu bl-eżistenza ta' tali ftehim. Madankollu, id-dokumenti eżaminati fil-premessi 232 sa 234, 237, 239, 240 u 242 jipprova li r-relazzjoni bejn [William] Prym u Coats kompliet madwar it-tqassim tas-swieq, anki wara li B. u E. F. ħallew it-tmexxija taż-żewġ impriżi.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

- 92 Mill-qari tan-nota tat-12 ta' Diċembru 1991 jirriżulta li kien ġie konkluż ftehim ta' tqassim tas-swieq fl-1975 b'rīzultat tan-negożjati mmexxija minn B. u E. F., bħala kundizzjoni ta' kooperazzjoni fil-fond. Barra minn hekk, skont l-awtur ta' din in-nota, ir-riżultat ta' dawn in-negożjati tniżżeż f'dokument kufidenzjali, li kien aċċessibbli biss għan-negożjaturi stess. Finalment, fit-tieni paragrafu tan-nota msemmija, A. jindika li, skontu, l-element prinċipali tal-ftehim kien id-dikjarazzjoni li permezz tagħha William Prym kienet intrabtet li ma ssirx, b'mod dirett jew indirett, attiva fuq livell kummerċjali fis-settur tal-ħajt għall-ħjata u għar-rakkmu, filwaqt li Coats intrabtet, bl-esklużjoni tal-eċċeżżjoni digħi ttollerata fir-rigward ta' NIL u l-kumpannija Linhas Corrente Ltda Brasil, li ma tiżviluppax, b'mod dirett jew indirett, attivit kummerċjali fis-settur tal-ħjata metalliċi u tal-plastik.
- 93 Konsegwentement, l-argument tar-rikorrenti, li jgħid li l-kontenut tal-ftehim tal-1977 seta' jkun magħruf biss minn żewġ persuni u li, wara, rispettivament, il-mewt u l-irtirar tagħhom, dan ma ġiex ikkomunikat lid-direttorat ġenerali ta' William Prym, ma jistax jiġi milquġi, peress li huwa stabbilit li, fit-12 ta' Diċembru 1991, għall-inqas, l-awtur tan-nota kien informat bl-eżistenza u bil-kontenut ta' tali ftehim.
- 94 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li din in-nota tirreferi għall-ftehim konkluż fl-1975, li jikkorrispondi, fir-realtà, għal-laqgħa li nżammet fi Stolberg fis-16 u fis-17 ta' Novembru 1975, għandu jiġi sempliċement irrilevat li l-fatt li l-ftehim seta' jiġi konkluż oralment fl-1975 u kkonfermat fil-minuti ta' din il-laqgħa, ma jeskludix li din il-laqgħa ġiet sussegwentement irreġistrata f'dokument fl-1977 (ara wkoll il-punt 67 iktar 'il fuq).
- Fuq il-laqgħa tal-11 ta' Frar 1993 (premessa 232 tad-deċiżjoni kkontestata)
- 95 Ir-rikorrenti hija tal-fehma li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li dikjarazzjoni ta' J. G., fissem William Prym, tal-11 ta' Frar 1993, kienet tirreferi għal ftehim ta' tqassim tas-swieq, minkejja l-fatt li l-Qorti Ġenerali kienet iddeċidiet li din id-dikjarazzjoni ma kinitx tinvolvi lil Coats u li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovav in-“natura antikompetittiva tal-laqgħa”, u lanqas li d-dikjarazzjoni kienet tirreferi għall-ftehim tal-1977 (is-sentenza Coats, punt 39 iktar 'il fuq, punt 91).
- 96 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 91 tas-sentenza Coats, punt 35 iktar 'il fuq, kienet eżaminat il-laqgħa inkwistjoni b'mod iż-żolat, peress li dak iż-żmien, din ma kellhiex il-privileġġ li tibbenifika mill-informazzjoni kollha li għandha l-Qorti Ġenerali llum, liema ħaġa waslet lil din tal-aħħar, fis-sentenza msemmija, sabiex tikkunsidra li l-laqgħa ma kellhiex skop antikompetittiv.
- 97 Mill-argument tar-rikorrenti jirriżulta li hija ma tikkontesta la li nżammet il-laqgħa u lanqas il-preżenza tagħha fiha. Min-naħħa l-oħra, hija tosserva, min-naħħa waħda, li l-Kummissjoni ma pprovatx b'mod suffiċjenti fil-liġi n-natura antikompetittiva ta' din il-laqgħa u, min-naħħa l-oħra, hija tikkontesta l-interpretazzjoni mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjoni ta' J. G.
- 98 Fir-rigward tal-ewwel asserżjoni, għandu jiġi indikat li mill-punt 11 tal-minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Frar 1993 jirriżulta li J. G. għamlet allużjoni għall-oriġini tar-relazzjonijiet bejn Coats u William Prym, peress li din tal-aħħar titqies bħala responsabbli għall-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik. Skonha, Coats kienet moralment marbuta li ssolvi s-sitwazzjoni ta' NIL li kienet teżisti dak iż-żmien, b'mod li tkun tista' finalment twettaq il-proġett inizjali li permezz tiegħu Coats kellha tikkontrolla l-manifattura tal-ħġadha tal-ħjata tessili u tħalli lil William Prym il-kura li tippovdi l-ħġadha tal-ħjata metalliċi u tal-plastik.

- 99 Fir-rigward tal-punt 91 tas-sentenza Coats, punt 35 iktar 'il fuq, għandu jitfakkar li fiha, il-Qorti Ġenerali kienet eżaminat il-ftehim, fis-settur tal-labar, konklużi bejn William Prym u Entaco, li Coats ma kinitx firmatarja diretta tagħhom. Entaco u William Prym kienu ffirmaw ftēhim qafas, li daħal fis-seħħ fl-10 ta' Settembru 1994. Dan il-ftehim kien sar mill-partijiet għall-finijiet tax-xiri lura tal-aktivitajiet ta' imballaġġ u ta' finizjoni ta' NIL (preċedentement miżmuma minn Coats Holdings) u daħal fis-seħħ fid-data tax-xiri lura. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, f'dik il-kawża, li n-natura antikompetittiva tal-laqqha tal-11 ta' Frar 1993 ma kinitx ġiet stabbilita b'mod indubitabbi, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-frażi li tgħid li "Coats kienet moralment marbuta li ssolvi s-sitwazzjoni ta' [NIL]" kienet ambigwa ħafna fil-kuntest tal-bejgħ ta' attivit u ma kinitx neċessarjament tirreferi għat-tqassim tas-suq, peress li setgħet ukoll tfisser li Coats kellha taċċetta l-offerta preċedenti ta' William Prym minnflok ma tbigħ l-NIL lil Entaco. Il-Qorti Ġenerali pprecċiżat ukoll li l-bqija tal-proċess ma kienx iktar rilevanti.
- 100 Fir-rigward tat-tieni asserżjoni, għandu jitfakkar li mid-dikjarazzjoni ta' J. G., riprodotta fil-minuti tal-laqqha inkwistjoni, moqrija flimkien mat-termini tal-ftehim tal-1977 (ara l-punt 65 iktar 'il fuq), jirriżulta li dan tal-aħħar kompla jipponi fuq kull parti l-obbligu li ma tidħolx fis-suq tal-parti l-oħra. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni invokat din in-nota (ara l-premessa 232 tad-deċiżjoni kkontestata).
- Fuq iċ-ċessjoni minn Coats ta' sehem tagħha fil-kapital ta' William Prym (premessi 233 sa 236 tad-deċiżjoni kkontestata)
- 101 Ir-rikorrenti tosserva, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma ġadix inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ftehim ta' kooperazzjoni tal-1995 u l-ftehim qafas ta' Settembru 1997 (iktar 'il quddiem il-“ftehim qafas tal-1997”) kienu mmarkaw bidla sinjifikattiva fir-relazzjonijiet bejn Coats u William Prym u li dawn kienu jkunu superfluwi li kieku pprevala l-ftehim tal-1977.
- 102 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tqis li r-relazzjonijiet kummerċjali bejn Coats u William Prym inbidlu b'mod radikali wara ċ-ċessjoni minn Coats tas-sehem tagħha fil-kapital ta' William Prym fl-aħħar tal-1994. Fit-tieni lok, fir-rigward tal-laqqha tal-11 ta' Ġunju 1996 (ara l-premessa 233 tad-deċiżjoni kkontestata), hija ssostni li din kienet tirrigwarda biss il-kooperazzjoni dwar id-distribuzzjoni. B'mod partikolari, hija tirreferi għall-korollarju tal-għoti tal-kwalità ta' distributur esklużiv, jiġifieri l-obbligu li ma timmanifaturax u ma tiddistribwixx prodotti kompetituri. Fit-tielet lok, f'dak li jirrigwarda t-teorija tal-Kummissjoni, żviluppata fil-premessi 234 u 236 tad-deċiżjoni kkontestata, li tgħid li l-ftehim qafas tal-1997 jikkonferma li "Coats u [William] Prym komplew jaġixxu fi spirtu ta' qsim tas-swieq bi strateġiji ta' nuqqas ta' kompetizzjoni", ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Kummissjoni ma ressqt l-ebda prova ta' rabta kawżali bejn il-ftehim qafas imsemmi u l-ftehim tal-1977. Ir-rikorrenti tikkonkludi li dak kollu li seta' eżista fil-passat ġie ssostitwit minn ftēhim ristrett ta' kooperazzjoni fil-qasam tad-distribuzzjoni tas-swieq intiżi għall-individwi.
- 103 Il-premessa 233 tad-deċiżjoni kkontestata taqra kif ġej:

"F'Diċembru 1994, Coats biegħet lill-familja Prym is-sehem tagħha f'William Prym; din iċ-ċessjoni daħlet fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1994. Skont [it-talbiet tal-grupp Prym intiżi għall-benefiċċju tal-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002], il-kooperazzjoni bejn Coats u [William] Prym fis-suq Ewropew kienet irregolarizzata fi Frar 1995, u ż-żewġ partijiet ftēhu li kien fl-interess tagħhom li jgħedduha. Madankollu, il-grupp Prym ma ppreżentax informazzjoni ulterjuri dwar il-metodi eżatti ta' din l-operazzjoni. [William] Prym u Coats iltaqgħu fil-11 ta' Ġunju 1996 fi Stolberg [...]. F'dik l-okkażjoni, D. G. ta' Coats iddikjara:

'L-istrateġja ta' distribuzzjoni ta[l-kumpannija] Coats Craft fl-Ewropa tikkonsisti fl-iktar kooperazzjoni possibbli mal-fornituri kbar ta' prodotti tad-ditta, bħal [William] Prym, u li ma tintrodux id-ditti tagħha stess. B'hekk, jekk tiġi implementata sistema ta' sħubija, Coats tirtira d-ditti tagħha stess'." [traduzzjoni mhux uffiċjal]

- 104 Il-Kummissjoni tinvoka l-premessa 234 tad-deċiżjoni kkontestata sabiex turi li, wara l-1995, sussegwentement għaċ-ċessjoni minn Coats tas-sehem tagħha fil-kapital ta' William Prym, iż-żewġ impriżi komplew jaġixxu fi spiritu ta' tqassim tas-swieq bi strateġiji ta' nuqqas ta' kompetizzjoni. Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-grupp Prym.
- 105 Skont il-punt 9 tat-talba tal-grupp Prym intiża għall-benefiċċju tal-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-2002:
- “[William] Prym xtaqet li tħares, permezz ta' dan il-ftehim, is-sigurtà tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tagħha permezz tal-katina ta' Coats. Il-ftehim qafas jirregola l-kooperazzjoni kemm fis-settur industrijali kif ukoll f'dak kummerċjali. Coats, min-naħħa tagħha, kienet interessat[a] mill-bejgħ ta' prodotti oħra, permezz tas-sistema ta' kummerċjalizzazzjoni għalja tagħha. Hija kienet partikolarment interessata mill-prodotti tad-ditta ferm stabbiliti ta' [William] Prym.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 106 Ir-rikorrenti ssostni li dan il-ftehim ġie ffirmsat fit-3 ta' Settembru 1997 u li ħoloq kwadru kbir għad-distribuzzjoni konġunta tal-prodotti tal-ħjata intiżi għas-suq tal-konsum (ara l-premessa 235 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija tosserva li r-raġunijiet għalfejn kien neċċessarju l-ftehim tal-1997 ikunu diffiċli li jiġu identifikati li kieku l-ftehim tal-1977 baqa' effettivament jiġi applikat, peress li dan tal-aħħar “kien jistabbilixxi l-prinċipju li ebda waħda mill-partijiet ma kelha tiddistribwixxi prodotti kompetituri għal dawk tal-parti l-oħra” [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ara r-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari).
- 107 Il-punt 5 tal-ftehim qafas tal-1997 jaqra kif ġej:
- “Il-ftehim għandu jkopri l-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik u l-prodotti elastiċi, kemm jekk ikunu mmanifatturati jew jekk jagħtu lok għall-provvista, ippakjati u li jkollhom fuqhom it-trade mark ta[l-kumpannija] Prym Consumer, kif ukoll il-ħajt u l-proġetti aċċessorji relatati miegħu, kemm jekk dawn l-artikoli jkunu mmanifatturati jew jekk jagħtu lok għall-provvista, li jkollhom fuqhom it-trade mark ta' Coats, kif ukoll prodotti oħra, jekk ikun il-każ, għal swieq preċiżi.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]
- 108 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, skont il-Kummissjoni, in-nota relativa għal-laqgħa tal-11 ta' Ġunju 1996 u l-iffirmar tal-ftehim qafas tal-1997 ma humiex, minnhom infushom, prova tal-eżiżenza tal-ftehim, iż-żda lanqas ma jindikaw li Coats irtirat minnu.
- 109 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni, fil-premessa 236 tad-deċiżjoni kkontestata, allegat li l-ftehim tal-1977 kien jipprovi, l-ewwel nett, li Coats u Prym Consumer kellhom jistabbilixxu kuntratti eskużivi ta' provvista u ta' distribuzzjoni għall-prodotti rispettivi tagħhom, jiġifieri l-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik immanifatturati minn Prym Consumer, u l-prodotti tal-ħjata l-oħra, immanifatturati minn Coats, u, it-tieni nett, li ftēhim qafas kellu jistabbilixxi r-regoli tad-distribuzzjoni konġunta tal-prodotti tal-partijiet, iż-żda mingħajr ma jirregola l-manifattura jew id-distribuzzjoni tal-prodotti kompetituri.
- 110 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li t-tieni konstatazzjoni hija żbaljata, peress li mill-punt 5 tal-ftehim qafas iċċitat fil-punt 69 iktar 'il fuq, jirriżulta li dan tal-aħħar kien ikopri wkoll id-distribuzzjoni eskużiva tal-prodotti kompetituri (prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik immanifatturati minn William Prym u ħajt u artikoli aċċessorji oħra mmanifatturati minn Coats) kif ukoll prodotti spċifici oħra.
- 111 Madankollu, il-Kummissjoni tirrileva, ġustament, li għaddew 20 sena mill-ftehim inizjali ta' tqassim tas-suq tal-1977 u li l-ftehim il-ġdid ġie konkluż wara li ġiet emenda r-relazzjoni kummerċjali bejn iż-żewġ impriżi, wara li ntemmet il-parċeċċipazzjoni ta' Coats fil-kapital ta' William Prym.
- Fuq ix-xiri ta' Bonduel minn William Prym u l-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998 (premessa 237 sa 245 tad-deċiżjoni kkontestata)
- 112 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat li l-minuti tal-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998 li nżammet fi Stolberg, kienu jirreferu għall-ftehim tal-1977. Dawn jinvokaw biss, skont ir-rikorrenti, il-ftehim ta' fornitura ta' medded ta' drapp bis-snien tal-gerijiet bejn William Prym u Opti (ara l-punt 85 iktar 'il fuq), kif ukoll il-ftehim qafas tal-1997.

- 113 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti fakkret li l-Kummissjoni kienet ammettiet hija stess, matul din il-kawża, li ebda waħda min-noti dwar din il-laqgħa ma kienet turi l-eżistenza ta' akkordju. B'hekk, id-dimostrazzjoni tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-perijodu wara l-1995, hija bbażata fuq in-noti ta' laqgħa waħda biss, dik tal-15 ta' Lulju 1998.
- 114 Skont ir-rikorrenti, in-noti miktuba bl-idejn ippreżentati minnha huma ħafna iktar iddettaljati min-nota stampata dwar l-istess laqgħa u tfasslu, kuntrarjament għal din tal-aħħar, fiż-żmien tal-laqgħa msemmija. Fir-rigward tal-affidabbiltà tan-nota, ir-rikorrenti tenfasizza li din hija nota ta' A. P., li ma ssemmix kelma b'kelma l-proposti ta' F. Barra minn hekk, fit-tieni dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, dan tal-aħħar ipprovda spjegazzjoni perfettament plawżibbli u leġittima għall-osservazzjonijiet li hemm imniżżla fiha.
- 115 Mill-premessi 237 sa 245 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat ruħha, min-naħħa waħda, fuq il-minuti tal-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998 u, min-naħħa oħra, fuq it-talbiet tal-grupp Prym intiżi għall-benefiċċju tal-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002.
- 116 In-nota stampata tas-7 ta' Novembru 2001, iffirmata minn A. P., dwar il-laqgħa li saret fil-15 ta' Lulju 1998 ma' F., taqra kif ġej:

"F kien ġeneralment jitkellem dwar il-każ Bonduel Prym. Huwa esprima d-diżappunt tiegħu minħabba l-fatt li l-informazzjoni ġiet ikkomunikata lilu tard. Il-kritika tiegħu kienet tikkonċerna b'mod iktar partikolari l-fatt li AP ma kienx jiddiskuti l-problemi taż-żippijiet ma' Coats Opti waqt il-laqgħat ġenerali u li ħadd ma qalilna li l-ftehim ma kienx għadu validu.

[...]

Il-ħjiel li, fl-1988 bix-xiri ta' Opti, [William] Prym lanqas ma ġiet inkluż[ə] fin-[negożjati], ma ssemmiex.

[...]

F qajjem il-kwistjoni jekk Prym tistax tistenna li xi darba jkun hemm libertà f'dan is-settur industrijali, b'tali mod li Coats tista' tidħol fis-suq tal-buttuni li jingħafsu l-istess bħal [William] Prym fis-suq tal-ħajt. Din il-kwistjoni teħtieġ risposta ċara u netta".

- 117 Skont il-Kummissjoni, dan juri, l-ewwel nett, li Coats irreagħixxiet għal dan ix-xiri bl-istess mod kif William Prym kienet irreagħixxiet għax-xiri ta' Opti minn Coats fl-1988 (ara l-punt 89 iktar 'il fuq). Ir-reazzjonijiet rispettivi tagħhom jikkonfermaw l-eżistenza ta' akkordju kontinwu bejn iż-żewġ impriżi, ibbażat fuq il-ftehim tal-1977 (ara l-premessa 238 tad-deċiżjoni kkontestata). It-tieni nett, minn dan għandu jiġi dedott li F. kien qiegħed jirreferi għall-qsim tas-swieq kif kien stabbilit oriġinarjament fil-ftehim tal-1977 (ara l-premessa 243 tad-deċiżjoni kkontestata). It-tielet nett, minn dan jirriżulta li l-qsim inizjali tas-swieq bejn iż-żewġ impriżi (prodotti tal-ħjata tal-plastik u metalliċi, min-naħħa waħda, u prodotti tal-ħjata oħra, min-naħħa l-oħra) baqa' jiġi osservat minnhom (ara l-premessa 245 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 118 Il-minuti tal-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998, li jsemmu l-fatt li ma kellux ikun hemm kompetizzjoni fuq il-prezzijiet ma' Opti, jikkorrobraw din il-konstatazzjoni. Barra minn hekk, mill-istess silta ta' dawn il-minuti jirriżulta li William Prym ma kinitx interessata fkompetizzjoni ma' Opti, fuq kollo kompetizzjoni fuq il-prezzijiet. B'hekk, William Prym ipproponiet li tiġi diskussa s-soluzzjoni relativa għaż-żippijiet kif ukoll il-ftehim eżistenti. Barra minn hekk, ġie osservat li l-impriżi inkwistjoni kellhom bżonn li jirrikorru għal djalgu strateġiku.
- 119 Il-punt 4 tal-minuti msemmija jipprovdi kif ġej:

"Ġie diskuss il-ftehim ġenerali bejn Coats u [William] Prym [...]

Iż-żewġ partijiet spjegaw li huma kellhom ibatu ħafna spejjeż fir-rigward tal-implementazzjoni ta' dan il-ftehim ġenerali, meta jħallsu l-ispejjeż relatati mal-iffinalizzar tal-ftehim imfassla, meta jimmudellaw mill-ġdid l-organizzazzjoni u meta jimplementaw strutturi ġodda.” [traduzzjoni mhux uffiċċiali]

- 120 Il-provi msemmija iktar 'il fuq jikkorrobaw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li ż-żewġ impriżi, fis-suq taż-żippijiet, bdew jiltaqgħu ma' problemi f'dak li jirrigwarda dan il-prodott komuni wara sensiela ta' tibdiliet fir-relazzjonijiet tagħhom matul dan il-periżodu. Madankollu, minkejja l-fatt li dawn kienu kompetituri fis-suq taż-żippijiet, huma baqgħu josservaw l-impenn morali tagħhom ta' nuqqas ta' kompetizzjoni, u ddikjaraw espressament li ma kinux interessati f'kompetizzjoni fuq il-prezzijiet f'dan is-suq.
- 121 Fir-rigward tad-dikjarazzjoni ġuramentata ta' F. tal-24 ta' April 2006, din hija dikjarazzjoni pppreparata minn rappreżentant tar-rikorrenti intiża sabiex ittaffi r-responsabbiltà tagħha fil-ksur ikkonstatat, u bħala konsegwenza, din ma tistax tnaqqas il-valur tal-prova tad-dokumenti li nstabu waqt il-verifikasi u tal-ispiegazzjonijiet mogħtija fuq dawn id-dokumenti (sentenza Lafarge vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, punt 379).
- 122 Fir-rigward tal-affermazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li dak iż-żmien, hija ma pprovdiet ebda assigurazzjoni fir-rigward tal-kompetizzjoni permezz tal-prezzijiet, għandu jiġi kkonstatat li hija ma tikkontestax, min-naħa l-oħra, li l-grupp Prym ipprovda tali assigurazzjoni b'mod ċar. F'kull każ, għalkemm il-minuti tal-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998 ma humiex bīżejjed, minnhom infushom, sabiex jipprovaw il-ksur, dawn jistgħu ċertament jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala provi fil-kuntest tas-sensiela ta' ħjiel preċiżi u konkordanti msemmija fil-punti 38 sa 40 iktar 'il fuq.
- 123 F'dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni stess ammettiet, matul din il-kawża, li ebda waħda min-noti dwar il-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998 ma turi l-eżistenza ta' akkordju, għandu jiġi kkonstatat li, fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni llimitat ruħha sabiex tirrileva li dawn id-dokumenti ma kinux, minnhom infushom, prova tal-eżistenza tal-akkordju, iżda lanqas ma kienu jindikaw li r-rikorrenti kienet irtirat ruħha minnu.
- Fuq il-provi li jiskaġunaw
- 124 Ir-rikorrenti tosserwa li l-Kummissjoni ma ħadix inkunsiderazzjoni ġerti provi li jiskaġunaw f'dak li kien jikkonċerna l-eżistenza tal-ftehim ta' tqassim tas-swiegħ:
- l-ewwel nett, il-minuti tal-laqgħa tal-1 ta' Awwissu 1989 bejn Coats u William Prym;
- it-tieni nett, il-minuti ta' laqgħa bejn J. G. (William Prym) u R. H. (Coats) tal-11 ta' Settembru 1989;
- it-tielet nett, il-fatt li ħamsa mis-sitt diretturi ta' Coats inkarigati minn dan is-settur matul l-aħħar deċennju, għamlu dikjarazzjoni ġuramentati li jaġfermaw li huma ma kinux jafu bil-ftehim tal-1977, li ma ġewx informati bih u li huma qatt ma kienu aġixxew bħal li kieku kien eżista ftieħim ta' tqassim tas-swiegħ ta' dan it-tip.
- 125 Fir-rigward tal-ewwel prova, għandu jiġi indikat li l-minuti tal-laqgħa tal-1 ta' Awwissu 1989, imfassla minn R. H. ta' Coats, isemmu s-segwenti:
- “[2)] (c)  
Id-diviżjoni ‘Konsumatur Ewropew’ semmiet, bħala wieħed mill-ġhanijiet tagħha, ‘li ssir il-fornitur u d-distributur prinċipali Ewropew ta’ firxa kompleta tal-prodotti kollha li jaġappartjenu lill-kategorija tal-artiġġjanat’ — u dan jinkludi l-ħajt għall-ħjata u l-ħajt għal użu artiġġjanali, il-qafliet, il-prodotti tal-ħjata metalliċi u tal-plastik, il-prodotti tal-ħjata tessili, l-affarijiet neċċesarji għall-ħjata, eċċ.
- (d) B'mod preferenzjali, dan għandu jsir ma' [William] Prym u mhux kontra [William] Prym [...]

- (e) EF indika li l-istrateġija ta' Coats — jiġifieri dik iddefinita fis-subparagrafu (c) iktar 'il fuq — ma hijiex differenti minn dik li kienet immotivat l-adozzjoni tad-deċiżjoni oriġinali tal-1976 — jiġifieri li Coats kellha tkun id-distributur eskuživ ta' [William] Prym madwar id-dinja, u li dan kellu jkollu bħala kontroparti l-ksib ta' sehem ta' 25 % minn Coats fil-kapital ta' [William] Prym.

[...]

Il-laqgħa ġiet konkluża bi ftehim miż-żewġ partijiet fir-rigward tal-fatt li l-aspetti konkreti tal-kooperazzjoni [bilaterali bejn il-gruppi] Coats u Prym kellhom jiġu eżaminati ulterjorment, permezz tal-osservanza ta' ċerti kriterji:

Għandna nillimitaw l-eżami tagħna għall-Ewropa.

Hemm bżonn li neżaminaw l-eskužività reċiproka — jiġifieri l-fatt li Coats hija d-distributur eskuživ u tbigħ biss prodotti ta' [William] Prym fil-firxa tal-ħajnejha metalliċi u tal-plastik.

Għandna nfittxu soluzzjonijiet għall-'problemi' speċifiċi —

NIL

Opti: [William] Prym — ż-żippijiet

'Prezzijiet dinjija' kontra spejjeż Ġermaniżi, jiġifieri Stolberg hija vijabbi bħala bażi ta' manifattura fuq medda ta' żmien twil għall-prodotti kollha?"

- 126 Skont ir-rikorrenti, minn dawn il-minuti jirriżulta li, kieku l-ftiehim tal-1977 kien fis-seħħi, ma kien ikun hemm l-ebda htiegħa li tīgi eżaminata l-opportunità li tīgi stabbilita eskužività reċiproka. Dan il-pass kien ikun żejjed peress li kien digħi pprojbit li Coats tiddistribwixxi prodotti tal-ħajnejha metalliċi jikkompetu ma' dawk ta' [William] Prym.
- 127 Għandu jiġi kkonstatat li, fil-punt 2(e) tal-minuti tal-laqgħa tal-1 ta' Awwissu 1989, E. F. ifakkli li l-istrateġija proposta minn Coats fis-subparagrafu (c), ma hijiex differenti minn dik li kienet immotivat id-deċiżjoni inizjali tal-1976, jiġifieri li Coats saret id-distributur eskuživ dinji ta' William Prym u kisbet, f'dan il-kuntest, sehem ta' 25 % fil-kapital ta' William Prym.
- 128 Il-parteċipanti fil-laqgħa tal-1 ta' Awwissu 1989 ftieħmu sabiex jeżaminaw il-prinċipju ta' eskužività reċiproka — li abbażi tagħha Coats kellha tkun id-distributur eskuživ u tbigħi, fis-settur tal-ħajnejha metalliċi u tal-plastik, prodotti ta' William Prym biss. Barra minn hekk, ċerti problemi kellhom jiġu riżolti, bħas-sitwazzjoni Opti/William Prym. F'dan ir-rigward, għandu jitfakk li William Prym kienet tqis li, meta pproċediet bix-xiri ta' Opti, Coats ma kinitx osservat l-impenji tagħha f'dan il-qasam (ara l-punt 89 iktar 'il fuq).
- 129 Il-fatt li ż-żewġ impriżi, għaxar snin wara l-ftiehim ta' tqassim tas-swieq, ħassew il-bżonn li jikkonkludu ftiehim ġdid, bl-ebda mod ma jeskludi l-eżistenza ta' ftiehim inizjali. Il-ftiehim il-ġdid kien jippermetti, b'mod partikolari, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi li seħħew matul dak id-deċennju, u kien jippermetti lill-parteċipanti li jeżaminaw iktar fil-fond il-kwistjoni tad-distribuzzjoni eskuživa u li jsolu xi problemi, bħax-xiri ta' Opti minn Coats.
- 130 Fir-rigward tat-tieni prova, għandu jiġi kkunsidrat li l-punt 10, intitolat "Ir-Renju Unit", tal-minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Settembru 1989, juri, l-ewwel nett, li r-rikorrenti kienet digħi preżenti fis-suq Inglijż tal-ħajnejha metalliċi u tal-plastik u li hija kellha l-ambizzjoni li tiżviluppa ditta ġidha msemija "Stitchpoint". It-tieni nett, wara x-xiri tal-kumpannija Tootal, Coats bdiet iż-żomm ditta oħra tal-ħajnejha metalliċi u tal-plastik fir-Renju Unit. Il-kwistjoni tal-manifattura taż-ż-żippijiet ta' William Prym ukoll tqajmet fil-kuntest tad-diskussjoni dwar NIL.

- 131 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-kwotazzjoni li tirreferi għaliha r-rikorrenti tikkonċerna biss is-sitwazzjoni fir-Renju Unit. Ir-rikorrenti kienet digħi, mis-snin 70, irrappreżentata f'dan is-suq, u b'hekk fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim inizjali. Konsegwentement, l-introduzzjoni ta' ditta ġdida u x-xiri ta' Tootal la bidlu r-relazzjoni bejn iż-żewġ impriżi u lanqas l-obbligi reċiproċi tagħhom. Konsegwentement, iż-żamma u t-tiċċi minn Coats tal-pożizzjoni tagħha fis-suq tar-Renju Unit huma, f'dan il-każ, mingħajr konsegwenza fuq l-eżistenza u l-implementazzjoni tal-akkordju.
- 132 Fir-rigward tat-tielet prova, jiegħi d-dikjarazzjonijiet ta' Coats, għandu jitfakkar li, għalkemm dawn huma dikjarazzjonijiet ippreparati minn rappreżentanti tar-rikorrenti intiżi sabiex itaffu r-responsabbiltà tagħha fil-ksur ikkonstatat, dan ma jistax iċaħħadhom, fih innifsu, mill-kreditu marbut ma tali teħid ta' pożizzjoni. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li dan lanqas ma jista' jnaqqas il-valur ta' prova tad-dokumenti li nstabu waqt l-ispezzjonijiet u tal-ispiegazzjonijiet mogħtija fuq dawn id-dokumenti (sentenza Lafarge vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, punt 379).
- Konklużjoni
- 133 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi konkluż li l-ftehim tal-1977 għandu valur ta' prova sabiex jikkorrobora, fil-kuntest tal-firxa ta' ħjiel preċiż u konkordanti kkunsidrat mill-Kummissjoni (ara l-punti 38 sa 40 iktar 'il fuq), xi wħud mill-affermazzjonijiet essenzjali msemmija fid-dikjarazzjonijiet ta' A. P. dwar l-eżistenza ta' ftēhim ta' qsim tas-suq tal-prodotti tal-ħjata, li jipprekludi lill-grupp Coats milli jidħol fis-suq Ewropew tat-“tipi oħra ta' qafliet” u lill-grupp Prym milli jidħol fis-suq Ewropew tal-ħajt. Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata wkoll minn provi kuntestwali oħra li ġew evalwati iktar 'il fuq. Fl-ewwel lok, għandhom jiġi evalwati flimkien id-dokumenti li nstabu matul l-ispezzjonijiet, jiegħi l-ittra tat-12 ta' April 1977, il-minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Frar 1993, il-minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Ġunju 1996, il-ftēhim qafas tal-1997, in-nota stampata tas-7 ta' Novembru 2001 ta' A. P. dwar laqgħa ma' F. li nżammet fil-15 ta' Lulju 1998 kif ukoll il-minuti tal-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998. Fit-tieni lok, għandha ssir insistenza fuq il-fatt li dawn huma, barra minn hekk, imsaħħha bid-dokumenti ppreżentati mat-talbiet tal-grupp Prym intiżi għall-benefiċċju tal-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002, jiegħi l-kopja tal-ftēhim tal-1977, silta mid-diskors ta' D. P. tad-9 ta' Novembru 1988 u nota mfassla minn A., fit-12 ta' Diċembru 1991. Dawn il-provi kollha juru li r-relazzjoni stretta li rabtet lill-impriżi kkonċernati matul il-periċċodu wara l-ftēhim tal-1975 u tal-1977 kompliet, u li, minn żmien għall-ieħor, din ir-relazzjoni kienet is-suġġett ta' aġġustamenti permezz ta' ftēhim oħrajn, bħall-ftēhim ta' fornitura tal-1990 u l-ftēhim qafas tal-1997.
- 134 F'dak li jikkonċerna l-punt jekk dawn il-provi humiex tali, jew le, li jistabbilixxu t-tul tal-ksur ilmentat kontra r-rikorrenti, għandu jitfakkar li huwa komuni li l-attivitajiet li jinvolu l-prattiki u l-ftēhim antikompetittivi jsiru bil-moħbi, li l-laqgħat jinżammu fis-sigriet, spiss f'pajjiż terz, u li d-dokumentazzjoni relatata magħħom tkun imnaqsa għall-minimu. Anki jekk il-Kummissjoni tiskopri evidenza li tiżvela b'mod espliċitu kuntatt illegali bejn il-kummerċjanti, bħalma huma l-minuti ta' laqgħa, normalment din tkun biss frammentarja u mifruxa, u għalhekk ikun spiss neċċesarju li wieħed jirrikostitwixxi ċerti dettalji billi jagħmel deduzzjoni. Fil-biċċa l-kbira tal-każżejjiet, l-eżistenza ta' attivitā jew ftēhim antikompetittiv trid tiġi inferita minn numru ta' koinċidenzi u ħjel li, ikkunsidrati flimkien, jistgħu, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni oħra plawżibbli, jikkostitwixxu evidenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara l-punti 42 iktar 'il fuq).
- 135 Mill-evalwazzjonijiet li saru fil-kuntest ta' dan il-motiv jirriżulta li r-rikorrenti ma ressqitx provi li juru biżżejjed jew li jagħtu spjegazzjoni alternattiva konvinċenti sabiex jirribattu l-provi dokumentarji msemmija fid-deċiżjoni kkontestata, li minnhom jirriżulta, b'mod kuntrarju, li hija pparteċipat fi ftēhim bilaterali ta' tqassim tas-suq mal-grupp Prym.
- 136 Għalhekk, għandu jitqies li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rnexxiela tipprova, b'mod suffiċċenti fil-liġi, il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur inkwistjoni, b'mod konformi mar-regoli mfakkra fil-punti 38 sa 51 iktar 'il fuq, u mingħajr ma wettqet l-iż-żabalji manifesti ta' evalwazzjoni li huma lmentati kontriha fil-kuntest ta' dan ir-rikors. Għaldaqstant, l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

- 137 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tqis li huwa opportun li b'mod prioritarju teżamina t-tielet motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' prova ta' ksur uniku u kontinwat, qabel ma teżamina t-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, peress li t-tul ta' ksur jikkostitwixxi kemm element li jifforna parti sħiħa minnu u, bħala tali, indiċċċabbi minn kull konstatazzjoni ta' ksur, kif ukoll waħda mill-kundizzjonijiet li tirregola l-preskrizzjoni għall-proċedura kontra ksur kontinwat (sentenza Peróxidos Orgánicos vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, punt 21).

*Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' prova ta' ksur uniku u kontinwat*

#### L-argumenti tal-partijiet

- 138 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Kummissjoni ma rnexxiliex tipprova l-eżistenza ta' ksur kontinwat, minn Jannar 1975 sal-15 ta' Lulju 1998, li jippermettilha li timponi fuqha multa li tikkorrispondi għal ksur li dam 21 sena u nofs. Fil-premessi 339 u 347 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet qieset li l-ksur kien uniku u kontinwat minn Jannar 1977 sa Lulju 1998, billi sostniet li [kien ġie stabbilit] it-twettiq tal-ftehim ta' tqassim tas-swieq "bil-għajnuna ta' diversi provi bil-miktub miġbura mill-Kummissjoni matul l-ispezzjonijiet u fit-talbiet [tal-grupp Prym intiżi għall-benefiċċju tal-komunikazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002] u l-provi bil-miktub ipprovduti minn [dan tal-aħħar]."
- 139 Ir-rikorrenti hija tal-fehma li l-eżami tal-prova inkwistjoni juri lakuni immensi fiż-żmien li huma kbar wisq biex il-Kummissjoni tkun tista' tressaq il-prova ta' ksur uniku u kontinwat. Fil-fatt, fir-realtà għaddha perijodu ta' żmien ta' 21 sena bejn, skont ir-rikorrenti, dokument mhux iffirms b'oriġini inċerta u dokument ambigwu ħafna miktub mill-istess persuna li ppresentat l-osservazzjoni tagħha. L-ebda prova ma tippermetti li jitqies li l-ftehim tal-1977 kien maħsub sabiex jaapplika fuq diversi snin, peress li dan ma jsemmi assolutament xejn fuq il-kwistjoni tat-tul mistenni tal-implementazzjoni tiegħu.
- 140 Il-Kummissjoni tfakkar, f'dak li jirrigwarda t-tul u r-rabta bejn succēssjoni ta' avvenimenti u ksur uniku u kontinwat, li ksur tal-Artikolu 81 KE jista' jirriżulta mhux biss minn att iżolat, iżda anki minn sensiela ta' atti jew inkella minn aġir kontinwat. Skontha, din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi kkontestata minħabba li xi att wieħed jew diversi atti minn dik is-serje ta' atti jew minn dak l-aġir kontinwat ikunu jistgħu wkoll jikkostitwixxi minnhom infushom u waħedhom ksur ta' din id-dispożizzjoni. Meta d-diversi azzjonijiet inkwistjoni jkunu jiffurmaw parti minn "pjan ġeneral", minħabba l-ġhan identiku tagħhom ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni, il-Kummissjoni tista' timputta r-responsabbiltà ta' dawn l-azzjonijiet skont il-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat fit-totalità tiegħu. Fir-rigward tal-allegata lakuna fil-provi tal-ksur bejn l-1978 u l-1990, il-Kummissjoni hija tal-fehma li kellha biżżejjed provi dokumentarji li jikkorrobboraw ir-realtà tat-tqassim tas-suq bejn l-impriżi mill-1977.

#### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 141 Qabel kollo, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' ksur uniku jirreferi għal sitwazzjoni fejn diversi impriżi jkunu pparteċipaw fi ksur li jikkonsisti f'agħiż kontinwu fit-tfittija ta' għan ekonomiku waħdieni intiżz sabiex tiġi distorta l-kompetizzjoni jew f'agħi li jikkostitwixxu ksur individwali marbuta flimkien mill-istess għan (l-istess finalità tal-elementi kollha) u l-istess suġġetti (l-istess impriżi kkonċernati, li jafu li qed jipparteċċipaw fl-ġħan komuni) (sentenza BPB vs Il-Kummissjoni, punt 41 iktar 'il fuq, punt 257).
- 142 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li ksur tal-Artikolu 81(1) KE jista' jirriżulta mhux biss minn att iżolat, iżda wkoll minn sensiela ta' atti jew ukoll minn aġir kontinwat. Din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi kkontestata minħabba li xi att wieħed jew diversi atti minn dik is-sensiela ta' atti jew minn dak l-aġir kontinwat ikunu jistgħu wkoll jikkostitwixxi minnhom infushom, u waħedhom, ksur ta' din id-dispożizzjoni. Meta d-diversi azzjonijiet jiffurmaw parti minn "pjan ġeneral", minħabba l-ġħan identiku tagħhom ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni, il-Kummissjoni tista' timputta r-responsabbiltà ta' dawn l-azzjonijiet skont il-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat fit-totalità tiegħu (sentenza Aalborg Portland et vs Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq, punt 258).

- 143 Barra minn hekk, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' ksur uniku jista' jkun relata tħallu mal-kwalifika legali ta' aġir antikompetittiv li jikkonsisti fl-eżiżenza ta' ftehim, fi prattiki miftieħma u f-deċiżjonijiet ta' assoċjazzjoni ta' impriżi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ĝeneralis Limburgse Vinyl Maatschappij et vs Il-Kummissjoni, punt 67 iktar 'il fuq, punti 696 sa 698; tal-20 ta' Marzu 2002, HFB et vs Il-Kummissjoni, T-9/99, Ġabra p. II-1487, punt 186, u tat-12 ta' Diċembru 2007, BASF u UCB vs Il-Kummissjoni, T-101/05 u T-111/05, Ġabra p. II-4949, punt 159).
- 144 Huwa importanti wkoll li jiġi ppreċiżat li l-kunċett ta' għan uniku ma jistax jiġi ddeterminat b'riferiment ġenerali għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat mill-ksur, peress li l-effett fuq il-kompetizzjoni jikkostitwixxi, bħala oġġett jew effett, element kostitutiv ta' kull aġir li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE. Tali definizzjoni tal-kunċett ta' għan uniku toħloq ir-riskju li l-kunċett tal-ksur uniku u kontinwat jiġi mċaħħad minn parti mis-sens tiegħu sa fejn dan għandu bħala konsegwenza li diversi aġiri, li jirrigwardaw settur ekonomiku partikolari, ipprojbiti mill-Artikolu 81(1) KE jkollhom, b'mod sistematiku, jiġu kklassifikati bħala elementi li jikkostitwixxu ksur uniku. Għaldaqstant, sabiex aġiri differenti jiġu kklassifikati bħala ksur uniku u kontinwat, għandu jiġi vverifikat jekk dawn għandhomx rabta ta' komplementarjetà, fis-sens li kull wieħed minnhom huwa intiż sabiex jitrattra konsegwenza jew konsegwenzi tal-iż-żvilupp normali tal-kompetizzjoni, u jikkontribwixxu, permezz ta' interazzjoni, għat-twettiq tal-effetti antikompetittivi kollha mixtieqa mill-awturi tagħhom, fil-kuntest ta' pjan globali li jipprevedi għan uniku. F'dan ir-rigward, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni kull ċirkustanza li tista' tistabbilixxi jew tqiegħed indiskussjoni r-rabta msemija, bħall-perijodu ta' applikazzjoni, il-kontenut (inkluż il-metodi użati) u, b'rabta ma' dan, l-għan tad-diversi aġiri inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza BASF u UCB vs Il-Kummissjoni, punt 143 iktar 'il fuq, punti 179 sa 181).
- 145 Huwa għaldaqstant minħabba raġunijiet oġġettivi li l-Kummissjoni tista' tibda proċeduri distinti, tikkonstata diversi każijiet ta' ksur distinti u timponi diversi multi distinti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tal-15 ta' Ġunju 2005, Tokai Carbon et vs Il-Kummissjoni, imsejħa "sentenza Tokai II", T-71/03, T-74/03, T-87/03 u T-91/03, li ma għietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 124).
- 146 Fl-aħħar, għandu jiġi osservat ukoll li l-klassifikazzjoni ta' ċertu aġir illegali bħala aġir li jikkostitwixxi ksur uniku u identiku jew pluralità ta' ksur, taffettwa, bħala prinċipju, is-sanzjoni li tista' tiġi imposta. Fil-fatt, il-konstatazzjoni ta' pluralità ta' ksur tista' twassal għall-impożizzjoni ta' diversi multi distinti, dejjem fil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u mill-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 (sentenza BASF u UCB vs Il-Kummissjoni, punt 143 iktar 'il fuq, punt 158).
- 147 Konsegwentement, għandu jiġi ddeterminat jekk il-fatti li hija akkużata bihom ir-rikorrenti jifformawx parti minn pjan sħiħ intiż sabiex ifixkel l-andament normali tal-kompetizzjoni fis-suq tat-“tipi oħra ta’ qaflie” u taż-żippijiet u, għaldaqstant, jekk jaqgħux taħt il-ksur uniku u kontinwat li jikkostitwixxi l-akkordju f'dawn is-swieq.
- 148 F'dan il-każ, il-klassifikazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kooperazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Coats u Prym bħala ksur uniku u kontinwat kellha bħala konsegwenza l-konstatazzjoni ta' akkordju wieħed li mill-inqas dam mill-15 ta' Jannar 1977 sal-15 ta' Lulju 1998 (ara l-premessi 339 sa 347 tad-deċiżjoni kkontestata). B'hekk, għandu jiġi eżaminat jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitat fil-punti 141 sa 146 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni wettqitx żball ta' liġi meta kklassifikat l-aġiri lmentati kontra r-rikorrenti bħala ksur uniku u kontinwat abbażi tal-provi li kellha għad-dispożizzjoni tagħha (ara l-premessi 217 sa 245 tad-deċiżjoni kkontestata), li fil-parti l-kbira ġew eżaminati fil-kuntest tal-ewwel motiv.
- 149 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-eżami tal-provi inkwistjoni juri lakuni immensi fiż-żmien, li huma kbar ħafna sabiex il-Kummissjoni tkun tista' titqies li ressjet il-prova ta' ksur uniku u kontinwat, għandu jitfakkar li l-fatt li tali prova ma tressqitx għal-ċerti perijodi determinati ma jippreklidix li l-ksur jitqies li kien ikkostitwit matul perijodi globali iktar wiesgħha minn dawn, meta tali konstatazzjoni tkun ibbażata fuq ħjnej oġġettiv u konkordanti. Fil-kuntest ta' ksur estiż fuq diversi snin, il-fatt li l-manifestazzjonijiet tal-akkordju jseħħu f'perijodi differenti, li jistgħu jiġi separati

b'intervalli ftit jew wisq twal, ma jaffettaw l-eżistenza ta' tali ftehim, sa fejn id-diversi azzjonijiet li jagħmlu parti minn dan il-ksur isegwu għan wieħed u jaqgħu fil-kuntest ta' ksur ta' natura unika u kontinwata (is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni, C-113/04 P, Ġabro p. I-8831, punt 169).

- 150 Għaldaqstant, għalkemm il-perijodu bejn żewġ manifestazzjonijiet ta' aġir li jikkostitwixxi ksur huwa kriterju rilevanti sabiex tiġi stabilita n-natura kontinwa ta' ksur, xorta jibqa' l-fatt li l-kwistjoni jekk l-imsemmi perijodu huwiex twil biżżejjed jew le sabiex jikkostitwixxi interruzzjoni tal-ksur ma tistax tiġi eżaminata b'mod astratt. B'mod kuntrarju, din għandha tiġi evalwata fil-kuntest tal-funzjonament tal-akkordju inkwistjoni (sentenza tal-Qorti Ġeneral tad-19 ta' Mejju 2010, IMI *et al* vs Il-Kummissjoni, T-18/05, Ġabro p. II-1769, punt 89).
- 151 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ewwel motiv, li l-ftehim inkwistjoni kien jirrigwarda l-kooperazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Coats u Prym. Abbażi tal-ftehim imsemmi, Coats kienet intrabtet "li ma teżerċitax, direttament jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' prodotti tal-ħajta metalliċi u tal-plastik [...] mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' [William] Prym". Min-naħa tagħha, [William] Prym intrabtet "li ma teżerċitax, direttament jew fil-kuntest ta' assoċjazzjoni, attività ta' manifattura ta' ġajnej għall-ħajta u ta' ġajnej għal użu artiġjanali, eċċ. [...] mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' Coats". Konsegwentement, għandu jiġi konkluż li l-ftehim inkwistjoni jirrigwarda t-tqassim tas-suq bejn żewġ kompetituri.
- 152 Diversament minn ftēhim li jirrigwarda l-iffissar tal-prezzijiet, li fil-kuntest tiegħu l-partċipanti għandhom jiltaqgħu b'mod regolari sabiex jikkunsidraw l-evalwazzjoni tas-suq biex ikunu jistgħu jadattaw l-aġir tagħhom f'dan is-suq matul l-eżistenza tal-ftēhim, ftēhim li jirrigwarda t-tqassim tas-suq, mid-definizzjoni tiegħu stess, għandu jiġi osservat mill-partċipanti fil-ftēhim minn meta jiġi konkluż u jista', minn żmien għall-ieħor, ikun is-suġġett ta' tibdil billi jew jiġi emendat il-ftēhim eżistenti, jew permezz ta' ftehim oħrajn.
- 153 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 133 iktar 'il fuq, li l-provi miġbura mill-Kummissjoni matul l-ispezzjonijiet, il-provi li jinsabu fit-talbiet tal-grupp Prym intiżi għall-benefiċċju tal-komunikazzjoni jipprova dwar il-kooperazzjoni tal-1996 u tal-2002, kif ukoll il-provi bil-miktub ipprovduti minn dan tal-aħħar, jru li r-relazzjoni stretta li kienet torbot lill-imprizzi kkonċernati matul il-perijodu wara l-ftēhim tal-1975 u tal-1977 kompliet, u li, minn żmien għall-ieħor, din ir-relazzjoni kienet is-suġġett ta' tibdil permezz ta' ftehim oħrajn, bħall-ftēhim ta' fornitura tal-1990 u l-ftēhim qafas tal-1997.
- 154 Konsegwentement, il-Kummissjoni setgħet b'mod leġittimu tikkonkludi li l-partijiet kienu ftieħmu dwar proġett komuni li kien jillimita jew li seta' jillimita l-awtonomija kummerċjali tagħhom bid-determinazzjoni tal-linji ġenerali tal-azzjoni komuni tagħhom fis-suq (ara l-premessa 334 tad-deċiżjoni kkontestata).
- 155 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003*

#### L-argumenti tal-partijiet

- 156 Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kontinwazzjoni ta' xi ksur lil hinn mid-19 ta' Settembru 1997, jiġifieri għaxar snin qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, għalkemm, b'applikazzjoni tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003, kull multa kienet preskritta. Mhux biss il-prova tal-15 ta' Lulju 1998 ma tissodis fax ir-rekwiżiti meħtieġa f'dan il-qasam, iżda din hija wkoll serjament ikkонтestata mill-provi ġuramentati ppreżentati minn F. u minn K. li, dak iż-żmien, kienu d-diretturi kkonċernati ta' Coats.

- 157 Il-Kummissjoni terġa' ssostni li hija ġabret biżżejjed provi sabiex tipprova li l-ksur kompla mill-inqas sal-15 ta' Lulju 1998. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod ċar li l-Artikolu 81 KE japplika wkoll għall-ftehim li ma għadhomx jiġu implementati, iżda li l-effetti tagħhom ikomplu lil hinn mit-terminazzjoni formal i tagħhom.

#### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

- 158 L-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament Nru 1/2003 jistabbilixxi terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin għall-ksur tat-tip attribwit lir-rikorrenti. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 25(2), għal ksur kontinwat jew ripetut, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri mid-data li fiha ntemm il-ksur. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 25(3) tal-istess regolament, il-preskrizzjoni hija interrotta minn kull azzjoni tal-Kummissjoni intiża għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' ksur. Skont il-kliem stess tal-Artikolu 25(4) tar-regolament imsemmi, l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni tapplika għall-impriżi jew l-assoċjazzjonijiet tal-impriżi kollha li pparteċipaw fil-ksur. Skont il-paragrafu 5 tal-istess artikolu, il-preskrizzjoni terġa' tibda tiddekorri wara kull interruzzjoni. Madankollu, il-perijodu tal-preskrizzjoni jagħlaq mal-aħħar ġurnata li jkun ugwali għad-doppju tal-perijodu tal-preskrizzjoni li jkun għadda mingħajr ma l-Kummissjoni tkun imponiet xi multa jew pagamenti ta' penalitā.
- 159 Għandu jitfakkar li t-tul ta' ksur jikkostitwixxi kemm element li jiforma parti sħiħa minnu u, bħala tali, indi soċċċabbi minn kull konstatazzjoni ta' ksur, kif ukoll waħda mill-kundizzjonijiet li tirregola l-preskrizzjoni għall-proċedura kontra ksur kontinwat (sentenza Peróxidos Orgánicos vs Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, punt 21). Għalhekk, l-osservanza tar-regoli tal-preskrizzjoni mill-Kummissjoni timplika li hija tiddetermina korrettamente il-perijodu li fih ir-rikorrenti pparteċipat fil-ksur. Konsegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni pprovatx b'mod suffiċjenti fil-liġi li l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur kienx dam mill-inqas sad-19 ta' Settembru 1997 (jiġifieri għaxar snin wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata), sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tiddetermina jekk kienx skada jew le t-terminu tal-preskrizzjoni deċennali stabbilit fl-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003.
- 160 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar meta ntemmet il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur, preliminarjament, għandha titfakkar il-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li, min-naħħa waħda, hija l-parti jew l-awtorità li tallega ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li għandha tressaq il-provi dwar dan billi tistabbilixxi, b'mod suffiċjenti fil-liġi, il-fatti li jikkostitwixxu ksur u, min-naħħa l-oħra, hija l-impriżza li tintvoka l-benefiċċju ta' motiv ta' difiża kontra konstatazzjoni ta' ksur li għandha tressaq il-prova li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-motiv ta' difiża huma sodisfatti, b'tali mod li l-awtorità msemmija jkollha b'hekk tirrikorri għal provi oħrajn (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, punt 38 iktar 'il fuq, punt 58, u Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq, punt 78).
- 161 Barra minn hekk, it-tul tal-ksur huwa element li jikkostitwixxi l-kunċett ta' ksur skont l-Artikolu 81(1) KE, element li l-oneru tal-prova tiegħi jinsab, prinċipalment, fuq il-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza teżiġi li, fin-nuqqas ta' provi li jistgħu jistabbilixxu direttament id-dewmien ta' ksur, il-Kummissjoni għandha tibbażza ruħha, għall-inqas, fuq provi relatati ma' fatti li ġraw fi żmien qrib biżżejjed, b'mod li jkun jista' jiġi raġonevolment ammess li dan il-ksur ma kienx interrott bejn żewġ dati preċiżi (sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 1994, Dunlop Slazenger vs Il-Kummissjoni, T-43/92, Ġabro p. II-441, punt 79).
- 162 Barra minn hekk, fil-każ ta' akkordji li ma baqgħux jiġu implementati, ikun biżżejjed, sabiex ikun japplika l-Artikolu 81 KE, li l-effetti tagħhom ikomplu wara l-waqfiex formal i tagħhom (ara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 1995, Solvay vs Il-Kummissjoni, T-30/91, Ġabro p. II-1775, punt 71, u tal-11 ta' Diċembru 2003, Ventouris vs Il-Kummissjoni, T-59/99, Ġabro p. II-5257, punt 182, u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan jirriżulta li t-tul ta' ksur ma għandux jiġi evalwat abbażi tal-perijodu li matulu ftehim ikun fis-seħħ, iżda abbażi ta' dak li matulu l-impriżza inkriminati adottaw aġi ipproġbit mill-Artikolu 81 KE.

- 163 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1(4) tad-deċiżjoni kkontestata, il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur inkwistjoni ġiet ikkunsidrata bħala stabbilita għall-perijodu mill-15 ta' Jannar 1977 sal-15 ta' Lulju 1998. Ir-rikorrenti tpoġġi indiskussjoni, fil-kuntest ta' dan il-motiv, din il-konstatazzjoni relativa għall-perijodu tal-ksur. Skontha, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tiprova l-kontinwazzjoni ta' xi tip ta' ksur lil hinn mid-19 ta' Settembru 1997, jiġifieri għaxar snin qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.
- 164 Mill-evalwazzjoni tal-provi li saret fil-kuntest tal-ewwel u tat-tielet motivi jirriżulta li f'dan il-każ hemm ksur uniku u kontinwat, li kompla mill-inqas sal-15 ta' Lulju 1998.
- 165 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li l-preskrizzjoni deċennali ddekorriet mill-15 ta' Lulju 1998 sad-19 ta' Settembru 2007, jiġifieri madwar 9 snin u xahrejn. B'hekk id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata qabel ma skada t-terminu ta' preskrizzjoni deċennali.
- 166 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li t-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB*

#### L-argumenti tal-partijiet

- 167 Ir-rikorrenti tosserva, essenzjalment, li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet proċedurali tagħha, kif stabbiliti mill-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB, u, b'mod iktar speċifiku, dak li "jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu" fċirkustanzi ta' natura kriminali, kif inhu l-każ f'din il-kawża.
- 168 Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni ma tistax tibbażza ruħha fuq is-sentenza Aalborg Portland *et al* vs Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq. F'dan il-każ, il-Kummissjoni, wara li rċeviet it-talba kumplimentari tal-grupp Prym imsemmija fil-punt 11 iktar 'il fuq, reġġħet fetħet l-investigazzjoni tagħha u adottat id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kumplimentari, li fiha hija kienet tallega għall-ewwel darba kontra r-rikorrenti, l-eżistenza ta' ftehim ta' tqassim tas-swieq tal-prodotti li kien ilu jeżisti 21 sena. Kemm il-kuntest proċedurali kif ukoll l-importanza li ngħatat, fid-deċiżjoni kkontestata, lill-provi l-ġoddha ppreżentati fil-fajl minn William Prym jobbligaw li jiġi konkluż li dawn ingħataw importanza "determinanti", fis-sens li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
- 169 Skont ir-rikorrenti, iċ-ċirkustanzi tal-każ huma differenti minn dawk tal-kawża li wasslet għas-sentenza Bolloré vs Il-Kummissjoni (punt 48 iktar 'il fuq, punti 86 sa 89). Fl-ewwel lok, l-identità tal-awtur tad-dikjarazzjoni li fuqha l-Kummissjoni bbażat il-konstatazzjoni tal-ksur f'dan il-każ, A. P., kienet magħrufa u r-rikorrenti pprovat teżaminah b'mod formal. Fit-tieni lok, sa fejn il-Kummissjoni tfakkarr li hija ma hijiex qorti fis-sens tal-KEDB, ir-rikorrenti tosserva li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-proċedura amministrattiva kollha tirrispetta l-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tidher, abbażi tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Ottubru 1994, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni (T-83/91, Ġabra p. II-755, punt 235), li ssostni li l-multi imposti abbażi ta' ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni ma għandhomx natura kriminali.
- 170 Fuq dan is-suġġett, il-Kummissjoni tosserva li A. P. kien preżenti waqt is-smiġħ tal-11 ta' Lulju 2006, li matulha l-parteċipanti kollha kellhom l-opportunità li jippreżentaw l-argumenti tagħhom oralment. Meta ngħata din l-opportunità, l-avukat tar-rikorrenti ddeċċieda li jillimita l-intervent tiegħu biex jagħmel sempliċi kjarifika fuq il-programm ta' tqegħid f'konformità u għal rimarki ġenerali dwar il-provi użati mill-Kummissjoni u d-dikjarazzjoni tal-grupp Prym. Konsegwentement, għalkemm kellha l-possibbiltà li tressaq id-domandi tagħha lill-parti li riedet, ir-rikorrenti ma hatfitx din l-okkażjoni.

#### Il-kunsiderazzjoni tal-Qorti Ġenerali

- 171 Għandu jitfakkar li, għalkemm l-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB jiprovd li "[k]ull min ikun akkużat [...] għandu d-dritt[...] li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda", madankollu,

minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Kummissjoni ma hijiex qorti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ottubru 1980, van Landewyck *et vs* Il-Kummissjoni, 209/78 sa 215/78 u 218/78, Ġabra p. 3125, punt 81, u tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et vs* Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 7).

- 172 Skont ġurisprudenza daqstant stabbilita, id-drittijiet fundamentali jifformaw parti integrali mill-principiġi ġeneralji tad-dritt li l-Qorti tal-Unjoni tiżgura l-osservanza tagħhom (opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja 2/94, tat-28 ta' Marzu 1996, Ġabra p. I-1759, punt 33, u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Mejju 1997, Kremzow, C-299/95, Ġabra p. I-2629, punt 14). Għal dan il-ġhan, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ĝeneralji jispiraw ruħhom mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-istumenti internazzjonali rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li kkooperaw għalihom u aderew magħħom l-Istati Membri. Il-KEDB għandha, f'dan ir-rigward, sinjifikat partikolari (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Mejju 1986, Johnston, 222/84, Ġabra p. 1651, punt 18, u Kremzow, iċċitata iktar 'il fuq, punt 14). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6(2) UE, l-Unjoni għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali, kif żgurati mill-KEDB u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, bħala principiġi ġenerali tad-dritt.
- 173 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi eżaminat jekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni kisritx il-prinċipju fundamentali tas-sistema legali Komunitarja li huwa r-rispett tad-drittijiet tad-difiża (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin *vs* Il-Kummissjoni, 322/81, Ġabra p. 3461, punt 7), billi allegatament ma offrietz lir-rikorrenti l-possibbità li teżamina direttament lil A. P. bħala xhud.
- 174 F'dan ir-rigward, għandu jiftakkar li dan il-prinċipju jeżiġi li l-impriżi u l-assoċjazzjonijiet ta' impiżi kkonċernati minn investigazzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni jitqiegħdu f'pożizzjoni, sa mill-istadju tal-proċedura amministrattiva, li jippreżentaw b'mod effettiv l-opinjoni tagħhom fuq ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti, ilmenti u ċirkustanzi allegati mill-Kummissjoni (ara s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralji tas-27 ta' Settembru 2006, Avebe *vs* Il-Kummissjoni, T-314/01, Ġabra p. II-3085, punt 49, u l-ġurisprudenza ċċitata). Min-naħa l-oħra, l-imsemmi prinċipju ma jeżiġix li dawn l-impriżi għandhom jingħataw l-okkażjoni jeżaminaw huma stess, fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, ix-xhieda mismugħa mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Aalborg Portland *et vs* Il-Kummissjoni, punt 42 iktar 'il fuq, punt 200).
- 175 Fil-fatt, f'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li d-dikjarazzjonijiet użati mill-Kummissjoni jkunu ġew ipprovduti fil-fajl mibgħut lir-rikorrenti, li b'hekk tkun tista' tikkontestahom quddiem il-qorti tal-Unjoni (sentenza Lafarge *vs* Il-Kummissjoni, punt 47 iktar 'il fuq, punti 147 sa 149).
- 176 Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi kkonstatat, skont kif sostniet il-Kummissjoni, li, għalkemm A. P. kien preżenti waqt is-smiġħ tal-11 ta' Lulju 2006, ir-rikorrenti ma ġatfix din l-okkażjoni biex tressaq d-domandi. Barra minn hekk, xejn ma kien jipprekludi lir-rikorrenti milli titlob li x-xhieda jiġu msejħha u eżaminati quddiem il-Qorti Ĝeneralji, billi tressaq talba għal miżuri istruttorji f'dan is-sens. Issa, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma resqitx tali talba.
- 177 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-rikorrenti ma tistax tinvoka ksur tad-dritt tagħha li teżamina jew li tara li jiġu eżaminati x-xhieda kontriha. Konsegwentement, ir-raba' motiv imqajjem mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud bħala infondat fil-fatt u fid-dritt.

*Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi*

L-argumenti tal-partijiet

- 178 Ir-rikorrenti tikkunsidra li l-Kummissjoni kellha teżerċita, fil-kuntest tad-determinazzjoni taż-żieda fl-ammont tal-multa abbażi tat-tul tal-ksur, is-setgħa diskrezzjonali tagħha sabiex tapplika koeffċiġent moltpiċkatur ta' 10 % skont il-punt 1 B tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi. Il-Kummissjoni ma kellhiex

tapplika b'mod awtomatiku żieda ta' 215 % abbażi tat-tul tal-ksur. Din kellha tieħu inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, in-natura dgħajfa tal-provi li bbażat ruħha fuqhom sabiex tikkonstata l-ksur, it-tieni nett, l-intervalli twal bejn il-manifestazzjonijiet stabbiliti tal-akkordju, it-tielet nett, in-nuqqas ta' xi għarfien tal-ksur fi ħdan id-direttorat tar-rikorrenti u, ir-raba' nett, in-nuqqas ta' prova tal-implementazzjoni tal-ksur.

179 Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni naqset milli tipproċedi b'dan il-mod peress li, skont kif ammettiet hija stess, hija kellha l-prassi kostanti li tiffissa ż-żieda massima. Għalkemm il-fatti setgħu, f'kawżi oħra (ta' tul ħafna iqsar), jiġġustifikaw żieda ta' 10 % fis-sena, madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tevita l-obbligu tagħha li teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha b'mod korrett.

180 Il-Kummissjoni tiċħad l-argumenti tar-rikorrenti.

#### Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

181 Qabel ma jiġu eżaminati l-argumenti mqajma mir-rikorrenti, għandu jitfakkar li mill-premessi 489 u 692 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-multi imposti mill-Kummissjoni minħabba l-ksur, ġew imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 kif ukoll skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-ammont tal-multi billi applikat il-metodu stipulat fil-linji gwida u fil-Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni tal-1996.

182 Il-linji gwida, għalkemm ma jistgħux jiġi kklassifikati bħala dispożizzjonijiet legali, jistabbilixxu regola ta' mgħiba indikattiva tal-prassi li għandha tiġi segwita li l-Kummissjoni ma tistax tinjora, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li huma kompatibbli mal-prinċipju ta' trattament ugħali (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2006, Archer Daniels Midland u Archer Daniels Midland Ingredients vs Il-Kummissjoni, C-397/03 P, Ġabro p. I-4429, punt 91, u l-ġurisprudenza ċċitata).

183 Il-Qorti Ġenerali għandha għalhekk tivverifika, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tal-multi imposti mill-Kummissjoni, jekk din eżerċitatx is-setgħa diskrezzjonali tagħha skont il-metodu stabbilit fil-linji gwida u, jekk din il-qorti tikkonstata li l-Kummissjoni tbiegħdet minnu, hija għandha tivverifika jekk tali tbegħid huwiex iġġustifikat u mmotivat b'mod suffiċjenti skont il-liġi. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità, min-naħħa waħda, tal-prinċipju nnifsu tal-linji gwida u, min-naħħa l-oħra, tal-metodu ġenerali li huwa indikat fihom (is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabro p. I-5425, punti 252 sa 255, 266 u 267, 312 u 313).

184 L-awtolimitazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni li tirriżulta mill-adozzjoni tal-linji gwida fil-fatt ma hijiex inkompatibbli maż-żamma ta' marġni ta' diskrezzjoni sostanzjali għall-Kummissjoni. Il-linji gwida fihom elementi ta' flessibbiltà differenti li jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita s-setgħa diskrezzjonali tagħha b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nru 17 u Nru 1/2003, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza Dansk Rørindustri et vs Il-Kummissjoni, punt 183 iktar 'il fuq, punt 267).

185 Għaldaqstant, fl-oqsma fejn il-Kummissjoni żammet marġni ta' diskrezzjoni, pereżempju f'dak li jirrigwarda l-ammont inizjali jew ir-rata' ta' żieda fl-ammont tal-multa minħabba t-tul tal-ksur, l-istħarriġ tal-legalità mwettaq fuq dawn l-evalwazzjonijiet huwa limitat għal dak tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Lulju 2005, Scandinavian Airlines System vs Il-Kummissjoni, T-241/01, Ġabro p. II-2917, punti 64 u 79).

186 Barra minn hekk, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni u l-limiti li hija imponiet f'dan ir-rigward, bħala regola, ma jippreġudikawx l-eżerċizzju, mill-qorti, tal-kompetenza tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha (sentenza JFE Engineering et vs Il-Kummissjoni, punt 39 iktar 'il fuq, punt 538), li jippermettilha li tannulla, tnaqqas jew iżżejjid l-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, C-3/06 P, Ġabro p. I-1331, punti 60 sa 62, u s-sentenza tal-Qorti Ģeneralist tal-21 ta' Ottubru 2003, General Motors Nederland u Opel Nederland vs Il-Kummissjoni, T-368/00, Ġabro p. II-4491, punt 181).

- 187 Minn dan isegwi li s-sempliċi fatt li l-Kummissjoni rriżervat, fir-rigward ta' ksur ta' dewmien twil, possibbiltà ta' żieda fl-ammont tal-multa għal kull sena ta' ksur sa 10 % tal-ammont stabbilit għall-gravità tal-ksur, bl-ebda mod ma jobbligaha tiffissa din ir-rata abbażi tal-intensità tal-attivitajiet tal-akkordju jew tal-effetti tiegħu, jew tal-gravità tal-ksur. Fil-fatt, hija l-Kummissjoni li għandha tagħżel, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa tagħha (ara l-punt 183 iktar 'il fuq), ir-rata ta' żieda li hija trid tapplika abbażi tat-tul tal-ksur (sentenza tal-Qorti Ġeneralis tad-19 ta' Mejju 2010, Boliden *et* vs Il-Kummissjoni, T-19/05, ġabru p. II-1843, punt 98).
- 188 L-argumenti tar-rikorrenti intiżi sabiex juru li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, id-dgħufija tal-provi li hija bbażat ruħha fuqhom sabiex tikkonstata l-ksur, it-tieni nett, l-intervalli twal bejn il-manifestazzjonijiet stabbiliti tal-akkordju, it-tielet nett, in-nuqqas ta' xi għarfien tal-ksur fi ħdan id-direttorat tar-rikorrenti, jitħalltu ma' dawk esposti fil-kuntest tal-ewwel u tat-tielet motivi. B'hekk, il-Qorti Ġeneralis, peress li kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kienet wettqet ebda żball meta kkunsidrat, abbażi tal-provi differenti li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, li kien hemm ksur uniku u kontinwat li dam mill-15 ta' Jannar 1977 sal-15 ta' Lulju 1998, l-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu miċħuda.
- 189 F'dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq in-nuqqas ta' prova tal-implementazzjoni tal-ksur, għandu jitfakkar li l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 jistabbilixxi t-teħid inkunsiderazzjoni mhux biss tal-gravità tal-ksur, iżda anki tat-tul tiegħu biex jiġi stabbilit l-ammont tal-multa. Isegwi li l-impatt tat-tul tal-ksur fuq l-ammont bażiku tal-multa għandu, b'mod ġenerali, ikun sinjifikanti. Dan jipprekludi, klief fċirkustanzi partikolari, żieda purament simbolika fl-ammont inizjali minħabba t-tul tal-ksur. B'hekk, meta ftehim li jkollu għan antikompetittiv ma jiġix implementat, xorta waħda għandu jittieħed inkunsiderazzjoni ż-żmien li matulu eżista dan il-ftehim, jiġifieri l-perijodu li jkun iddekkora bejn id-data li fiha jkun ġie konkluż u d-data li fiha jkun intemm (sentenza tal-Qorti Ġeneralis tad-19 ta' Marzu 2003, CMA CGM *et* vs Il-Kummissjoni, T-213/00, ġabru p. II-913, punt 280).
- 190 F'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonstatat li l-kollaborazzjoni bilaterali bejn il-gruppi Prym u Coats kienet ilha teżisti għal 21 sena u nofs, jiġifieri għal żmien twil skont il-linji gwida. Għaldaqstant, il-Kummissjoni żiedet, minħabba f'hekk, l-ammont inizjali tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti b'215 %. Għandu jitfakkar li, skont it-tielet inċiż tal-punt 1B tal-linji gwida, l-ammont inizjali tal-multa adottat abbażi tal-gravità jista' jiżdied b'10 għal kull sena tal-ksur f'dak li jirrigwarda l-ksur b'dewmien twil. Għandu jiġi kkonstatat li billi għamlet hekk, il-Kummissjoni ma tbegħdix mir-regoli li hija imponiet fuqha stess fil-linji gwida.
- 191 Għalhekk, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.
- 192 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li ebda wieħed mill-motivi mqajma mir-rikorrenti ma jista' jiġi milqugħ. Għalhekk, ir-rikors għal annullament għandu jiġi miċħud kollu kemm hu, mingħajr ma hemm il-bżonn, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li barra minn hekk, abbażi tal-ġurisdizzjoni sħiħa, isir tibdil fl-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.
- ### Fuq l-ispejjeż
- 193 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneralis, il-parti li titlef għandha tbat l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbat l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) Coats Holdings Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Czúcz

Labucka

Gratsias

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-27 ta' Ġunju 2012.

Firem

Werdej

Il-fatti li wasslu għall-kawża .....	1
Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet .....	4
Id-dritt .....	4
Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu tal-Kummissjoni, min-naħħa waħda, li tressaq il-prova tal-ksur u, min-naħħa l-oħra, li tosseva l-livell ta' prova meħtieġ f'dan ir-rigward .....	5
L-argumenti tal-partijiet .....	5
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali .....	5
— Fuq il-laqgħa tal-1975 (premessa 217 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	8
— Fuq id-dokument tal-15 ta' Jannar 1977 (premessi 218 sa 222 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	9
— Fuq l-ittra tat-12 ta' April 1977 (premessa 224 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	12
— Fuq il-ftehim Hugenpoet (premessi 225 u 226 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	13
— Fuq il-laqgħa tal-Beirat tad-9 ta' Novembru 1988 (premessi 227 sa 230 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	15
— Fuq in-nota ta' William Prym tat-12 ta' Diċembru 1991 (premessa 231 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	15
— Fuq il-laqgħa tal-11 ta' Frar 1993 (premessa 232 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	16
— Fuq iċ-ċessjoni minn Coats ta' sehem tagħha fil-kapital ta' William Prym (premessi 233 sa 236 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	17
— Fuq ix-xiri ta' Bonduel minn William Prym u l-laqgħa tal-15 ta' Lulju 1998 (premessi 237 sa 245 tad-deċiżjoni kkontestata) .....	18
— Fuq il-provi li jiskaġunaw .....	20
— Konklużjoni .....	22
Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq in-nuqqas ta' prova ta' ksur uniku u kontinwat .....	23
L-argumenti tal-partijiet .....	23
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali .....	23
Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 25(5) tar-Regolament Nru 1/2003 .....	25
L-argumenti tal-partijiet .....	25
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali .....	26
Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6(3)(d) tal-KEDB .....	27

L-argumenti tal-partijiet .....	27
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralı .....	27
Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi .....	28
L-argumenti tal-partijiet .....	28
Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ĝeneralı .....	29
Fuq l-ispejjeż .....	30